

Brussell, 3 ta' April 2025
(OR. en)

7750/25

JAI 415	COPEN 79
COSI 55	FREMP 76
ENFOPOL 109	RELEX 413
CRIMORG 59	CFSP/PESC 530
ENFOCUSTOM 53	PROCIV 32
IXIM 73	CIVCOM 85
CT 42	COPS 157
COTER 48	IPCR 22
CORDROGUE 43	HYBRID 29
CYBER 87	DISINFO 20
MIGR 121	TELECOM 104
FRONT 80	DIGIT 58
ASIM 28	MI 197
VISA 51	COMPET 226
SCHENGEN 20	UD 73
JAIEX 32	ENV 237
CATS 13	TRANS 114
DATAPROTECT 59	CULT 27
DROIPEN 36	RECH 138
<i>EU-LISA</i>	<i>EUDA</i>
<i>CH</i>	<i>FRA</i>
<i>FRONTEX</i>	<i>NO</i>
<i>EUAA</i>	<i>LI</i>
<i>EUROJUST</i>	<i>IS</i>
<i>EPPO</i>	<i>CEPOL</i>
<i>EUROPOL</i>	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 2 ta' April 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2025) 148 final

Suġġett: KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 148 final.

Mehmuż: COM(2025) 148 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 1.4.2025
COM(2025) 148 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna

1. ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna

Is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna. Id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-benesseri tal-Ewropej, il-kompetittività u l-prosperità – jiddependu kollha fuq il-kapaċità tagħna li nipprovdu garanzija ta' sigurtà bażika. Fl-era l-ġdida ta' theddid għas-sigurtà li ngħixu fiha issa, il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tagħhom hija aktar minn qatt qabel kontinġenti fuq **approċċ unifikat u Ewropew għall-protezzjoni tas-sigurtà interna tagħna**. F'xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi, l-Ewropa trid tkompli tagħmel tajjeb għall-wegħda dejjiema tagħha ta' paċi.

Diġà tteħdu l-ewwel passi lejn il-bini ta' apparat ta' sigurtà Ewropew. F'dawn l-aħħar għaxar snin, tajna lill-Unjoni mekkaniżmi kollettivi mtejba għall-azzjoni fl-oqsma tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, is-sigurtà tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fiżika u diġitali tal-UE. L-implimentazzjoni xierqa tal-leġislazzjoni adottata qabel u tal-politiki żviluppatti tibqa' kruċjali.

In-natura tat-theddid tal-lum u r-rabta intrinsika bejn is-sigurtà interna u esterna tal-UE jirrikjeddu li mmorru lil hinn.

L-istampa tat-theddid hija qawwija. Il-linji bejn it-**theddud ibridi** u l-gwerra miftuħa huma mċajpra. Ir-Russja ilha twestaq kampanja ibrida online u offline kontra l-UE u s-sħab tagħha, biex tfixxkel u timmina l-koeżjoni soċjetali u l-proċessi demokratiċi, u biex tittestja s-solidarjetà tal-UE mal-Ukrajna. L-Istati barranin ostili u l-atturi sponsorjati mill-istat ifittxu li jinfiltraw u jfixxlu l-infrastruttura kritika u l-ktajjen tal-provvista tagħna, jisirqu data sensitiva u jippożizzjonaw lilhom infushom għal tfixxkil massimu fil-futur. Huma jużaw il-kriminalità bħala servizz u lill-kriminali bħala prokura. Barra minn hekk, id-dipendenzi tagħna fuq pajjiżi terzi f'termini ta' ktajjen tal-provvista jagħmluna aktar vulnerabbli għal kampanji ibridi minn stati ostili.

Networks tal-kriminalità organizzata b'saħħithom qed jipprolifera fl-Ewropa, qed jitrawmu online u qed jinfixxu fl-ekonomija tagħna u qed jaffettwaw lis-soċjetà tagħna, kif enfasizzat fil-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA, Serious and Organised Crime Threat Assessment) ppreżentata reċentement mill-Europol¹. Ladarba l-kriminalità organizzata trabbi l-għeruq f'komunità jew settur ekonomiku, il-qerda tagħha ssir battalja iebes: terz tal-aktar networks kriminali ta' theddida ilhom attivi għal aktar minn għaxar snin. Il-kriptoaluti u s-sistemi finanzjarji paralleli jgħinuhom jaħslu u jaħbu r-rikavat kriminali tagħhom.

Il-livell ta' theddid terroristiku fl-Ewropa qed ikompli jikber. Il-kriżijiet reġionali barra mill-UE jgħolqu effett kollaterali, li jipprovdi motivazzjoni ġdida għall-atturi terroristiċi fl-ispettru ideoloġiku kollu biex jirreklutaw, jimmobilizzaw jew jibnu l-kapaċitajiet tagħhom. Huma jimmiraw l-isforzi tagħhom ta' radikalizzazzjoni u reklutaġġ speċifikament lejn l-aktar sezzjonijiet vulnerabbli tas-soċjetajiet tagħna u b'mod partikolari lejn ċerti żgħażaġh. Huma jispiraw attakki ta' atturi individwali u żieda qawwija fl-estremiżmu kontra s-sistemi li l-għan tagħhom huwa li jfixxlu l-ordni ġuridiku demokratiku.

Il-qabżiet u l-limiti tal-**avvanz teknoloġiku** qed jipprovdu għodod essenzjali għat-tiħ tal-apparat tas-sigurtà tagħna. Iżda l-attakki ċibernetiċi u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija qed isiru dejjem aktar prevalenti, filwaqt li jisfruttaw teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali. It-tfal, iż-żgħażaġh u l-anzjani huma partikolarment f'riskju online u t-tixrid tal-mibegħda online jhedded il-libertà tal-espressjoni u l-koeżjoni soċjali.

¹ <https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf>

Ħajjitna saret inqas sigura, u dan qed jinħass dejjem aktar mill-Ewropej, li l-**perċezzjoni tagħhom tas-sikurezza u s-sigurtà fl-UE** tnaqqret sal-punt li, meta mistoqsija dwar il-futur, 64 fil-mija għandhom it-tendenza li jkunu mħassba dwar is-sigurtà tal-UE.² In-negozji huma wkoll kulma jmur dejjem aktar imħassbin; il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, il-kriminalità u l-attività illeċita u l-ispjunaġġ ċibernetiku kollha jidhru fost l-ewwel għaxar riskji identifikati fir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji tal-2025³.

L-Ewropej għandhom ikunu **jistgħu jgħixu ħajjithom mingħajr biża'**, kemm jekk fit-toroq, id-dar, f'postijiet pubbliċi, fuq il-metrò, jew fuq l-internet. Il-protezzjoni tan-nies, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli għall-attakki, li għandhom it-tendenza li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lit-tfal, lin-nisa u lill-minoranzi, inklużi l-komunitajiet Lhud u Musulmani, hija fil-qalba tal-ħidma tal-UE dwar is-sigurtà. Dan huwa essenzjali biex jinbnew soċjetajiet reżiljenti u koeżivi.

Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi **Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna** biex tiġġieled aħjar it-theddid fis-snin li ġejjin. B'sett ta' għodod legali aktar qawwi, kooperazzjoni aktar profonda u kondivizzjoni akbar tal-informazzjoni, se nsaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità kollettiva tagħna li nantiċipaw, nipprevjenu, nidentifikaw u nirreaġixxu b'mod effettiv għat-theddid għas-sigurtà. Approċċ unifikat għas-sigurtà interna jista' jappoġġja lill-Istati Membri biex jisfruttaw is-setgħa tat-teknoloġija biex isaħħu, mhux idgħajfu s-sigurtà, filwaqt li jippromwovu spazju diġitali sigur għal kulħadd. Barra minn hekk, jappoġġja rispons komuni mill-Istati Membri għal bidliet politiċi u ekonomiċi globali li jaffettwaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.

Din l-istrateġija hija ggwidata minn **tliet prinċipji** u tinkorpora fil-qalba tagħha r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

L-ewwel nett, tistabbilixxi l-ambizzjoni ta' bidla fil-kultura dwar is-sigurtà. Neħtieġu **approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha** li jinvolvi liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, ir-riċerka, l-akkademja u l-entitajiet privati. L-azzjonijiet skont l-istrateġija għalhekk jieħdu approċċ integrat u b'diversi partijiet ikkonċernati kull meta jkun possibbli.

It-tieni, **il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u jsiru parti mil-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE**, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. Il-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi jeħtieġ li jitħejjew, jiġu rieżaminati u implimentati b'perspettiva ta' sigurtà, filwaqt li jiġi żgurat li l-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà meħtieġa jiġu indirizzati sabiex jiġi promoss approċċ koerenti u komprensiv għas-sigurtà.

Fl-aħħar nett, Ewropa sikura, sigura u reżiljenti teħtieġ **investment serju mill-UE, mill-Istati Membri tagħha u mis-settur privat**. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet stabbiliti f'din l-Istrateġija jeħtieġu riżorsi suffiċjenti umani u finanzjarji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom. Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar it-triq lejn il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss⁴, l-Ewropa se jkollha bżonn iżżid l-infiq pubbliku għas-sigurtà u tippromwovi r-riċerka u l-investment fis-sigurtà, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha.

Din l-Istrateġija tikkomplementa l-**Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza**⁵, li tistabbilixxi approċċ integrat li jkopri l-perikli kollha għall-preparatezza għall-kunflitti, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem kif ukoll dawk naturali, u għall-kriżijiet, u l-**White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030**⁶, li tappoġġja l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet ta' difiża madwar l-UE biex jiskoraġġixxu avversarji barranin. Il-Kummissjoni se tippromponi

² Flash Eurobarometer FL550: EU Challenges and Priorities.

³ https://reports.weforum.org/docs/WEF_Global_Risks_Report_2025.pdf, p.17.

⁴ COM (2025) 46 final.

⁵ JOIN (2025) 130 final.

⁶ JOIN (2025) 120 final.

wkoll Tarka Ewropea għad-Demokrazija biex issaħħa ir-reżiljenza demokratika fl-UE. Flimkien, dawn l-inizjattivi jistabbilixxu viżjoni għal UE sikura, sigura u reżiljenti.

Governanza Ewropea ġdida tas-sigurtà interna

Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE biex ittejjeb l-approċċ tal-UE għas-sigurtà interna kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak operazzjonali.

Dan se jsir permezz ta':

- **identifikazzjoni konsistenti tal-implikazzjonijiet potenzjali għas-sigurtà u l-preparatezza ta' inizjattivi ġodda u riveduti tal-Kummissjoni mill-bidu u matul il-proċess tan-negozjati**
- **laqgħat regolari tal-Grupp tal-Proġett tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà Interna Ewropea, appoġġjati minn kollaborazzjoni strateġika transsettorjali fil-Kummissjoni**
- **preżentazzjonijiet tal-analiżi tat-theddid relatati mas-sigurtà interna b'appoġġ għall-ħidma tal-Kulleġġ tas-Sigurtà**
- **diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Kunsill dwar l-isfidi tas-sigurtà interna li qed jevolvu abbażi tal-analiżi tat-theddid u l-iskambju dwar prijoritajiet ta' politika ewlenin**
- **rapportar regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tiġi traċċata u appoġġjata l-implimentazzjoni sistematika ta' inizjattivi ewlenin ta' sigurtà**

2. Għarfien integrat tas-sitwazzjoni u analiżi tat-theddid

Se nġhammru lill-UE b'modi ġodda ta' kondiviżjoni u kombinazzjoni tal-informazzjoni u nipprovdur analiżi regolari tat-theddid għas-sigurtà interna tal-UE, li tikkontribwixxi għal valutazzjoni komprensiva tar-riskji u t-theddid.

Is-sigurtà tibda b'**antiċipazzjoni effettiva**. L-UE trid tiddependi fuq għarfien komprensiv, awtonomu biżżejjed u aġġornat tas-sitwazzjoni u analiżi tat-theddid. Intelligence azzjonabbli, li l-Istati Membri huma mħeġġa jsaħħu aktar permezz tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC, Single Intelligence Analysis Capacity), bħala l-punt uniku ta' dħul għall-intelligence tal-Istati Membri, hija vitali għall-valutazzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid, u fl-aħħar mill-aħħar tinforma l-azzjonijiet ta' politika u legiżlattivi⁷. Jeħtieġ li nużaw l-**analiżi bbażata fuq l-intelligence u l-valutazzjonijiet tat-theddid** fil-livell tal-UE b'mod aktar effettiv u kollaborattiv.

Filwaqt li tibni fuq id-diversi valutazzjonijiet tar-riskju u tat-theddid prodotti fil-livell tal-UE u għal setturi speċifiċi⁸, il-Kummissjoni se tħejji **analiżijiet regolari tat-theddid għas-sigurtà interna tal-UE** biex tidentifika l-isfidi ewlenin tas-sigurtà, bil-ħsieb li tinforma l-prijoritajiet tal-politika. Dawn se jgħinu fl-iżvilupp ta' politika tas-sigurtà interna aġli u reattiva li tindirizza b'mod effettiv it-theddid li qed jevolvi, tiproteġi aħjar lin-nies u lin-negozji kontra l-attakki, u tippermetti interventi ta' politika mmirati fil-ħin. Dawn l-analiżijiet tat-theddid għas-sigurtà

⁷ Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness, p. 23.

⁸ Il-Valutazzjonijiet tat-Theddid Settorjali li se jikkontribwixxu biex jinfurmaw din l-analiżi tat-theddid jinkludu l-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-UE (SOCTA), ir-Rapport tal-UE tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT, Terrorism Situation and Trend Report), ir-Rapport Konġunt dwar il-Valutazzjoni Ċibernetika (JCAR, Joint Cyber Assessment Report), u valutazzjonijiet futuri tat-theddid, ir-riskji u l-metodi tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni u mill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.

interna tal-UE se jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjoni komprensiva tar-riskji u t-theddid tal-UE (transsettorjali, li tkopri l-perikli kollha) żviluppata mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli, kif stabbilit fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

Il-fiduċja u t-trattament sigur huma essenzjali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u dan jirrikjedi infrastruttura affidabbli u sigura. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jeħtieġ li jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jużaw **kanali ta' komunikazzjoni siguri** għall-iskambju ta' informazzjoni sensitiva u klassifikata bejniethom u mal-Istati Membri. L-investimenti f'**sistemi siguri interoperabbli** u teknoloġija affidabbli se jsaħħu l-awtonomija tal-UE u jsaħħu l-kapaċità tal-UE li timmaniġġja l-kriżijiet u tiżgura r-reżiljenza operazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jiffinalizzaw in-negożjati dwar ir-**Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni**, b'mod partikolari biex jiġi żgurat qafas komuni għat-trattament ta' informazzjoni sensitiva mhux klassifikata u klassifikata⁹.

Sabiex tiżgura s-sigurtà operazzjonali u l-għarfien tas-sitwazzjoni tagħha stess, il-Kummissjoni se tirrevedi l-qafas ta' governanza tas-sigurtà korporattiva tagħha u tistabbilixxi **Ċentru Integrat tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (ISOC, Integrated Security Operations Centre)** biex tiproteġi lin-nies, l-assi fiżiċi u l-operazzjonijiet fis-siti kollha tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tagħti spinta wkoll lill-kapaċitajiet operazzjonali u analitiċi tagħha għall-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tat-theddid ibridu.

F'konformità mal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza, il-kunsiderazzjonijiet ta' preparatezza u sigurtà se jiġu integrati u jsiru parti mil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE. Meta tħejji jew tirrieżamina l-leġiżlazzjoni, il-politiki jew il-programmi b'perspettiva ta' preparatezza u sigurtà, il-Kummissjoni se tidentifika b'mod konsistenti l-impatti potenzjali tal-għażla ta' politika ppreferuta fuq il-preparatezza u s-sigurtà. Dan se jkun sostnut b'taħriġ regolari għal dawk li jfasslu l-politika fil-Kummissjoni.

Biex tappoġġja lill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tiddiskuti l-isfidi tas-sigurtà interna li qed jevolvu u l-prijoritajiet ta' politika ewlenin mal-Kunsill u taġġornah regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti infurmati u involuti fl-azzjonijiet rilevanti kollha.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

- **tiżviluppa u tippreżenta analiżi regolari tat-theddid għall-isfidi tas-sigurtà interna tal-UE**

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- **isaħħu l-kondiviżjoni tal-intelligence mas-SIAC u jiżguraw kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni mal-aġenziji u l-korpi tal-UE**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mħeġġa:

- **jiffinalizzaw in-negożjati dwar ir-Regolament propost dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni**

⁹ COM (2022)119 final

3. Kapaċitajiet ta' sigurtà msaħħa tal-UE

Se niżviluppaw għodod ġodda għall-infurzar tal-liġi, bħal Europol imġedded, u mezzi aħjar ta' koordinazzjoni u żgurar ta' skambju sigur tad-data u aċċess legali għad-data.

Biex tiġġieled b'mod effettiv it-theddid li qed jevolvi, l-UE trid issaħħa il-kapaċitajiet tas-sigurtà tagħha u trawwem l-innovazzjoni. Bħala l-atturi primarji kontra t-theddid għas-sigurtà interna, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jeħtieġu l-għodod u l-kapaċitajiet operazzjonali t-tajba biex jaġixxu fil-pront u b'mod effettiv. Huwa importanti li dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkomunikaw u jikkoordinaw bejn il-fruntieri u bejn is-servizzi biex jipprevjenu, jidentifikaw, jinvestigaw u jipprosekwixxu b'mod effiċjenti.

Aġenziji u korpi tal-UE għas-sigurtà interna

L-aġenziji u l-korpi tal-UE fil-ġustizzja, l-affarijiet interni u ċ-ċibersigurtà għandhom rwol ewlieni fl-arkitettura tas-sigurtà tal-UE – rwol li jkompli jikber hekk kif ir-responsabbiltajiet tagħhom jespandu.

Illum, 25 sena wara l-istabbiliment tagħha, il-**Europol** hija aktar ċentrali minn qatt qabel għall-qafas tas-sigurtà tal-UE. Hija tappoġġja investigazzjonijiet transfruntiera kumplessi, tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, tiżviluppa għodod innovattivi għall-pulizija u tipprovdi għarfien espert avanzat għall-infurzar tal-liġi. Madankollu, diversi fatturi jipprevjenu lill-Europol milli tilħaq bis-sħiħ il-potenzjal operazzjonali tagħha fl-appoġġ ta' attivitajiet investigattivi u operazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera: dawn ivarjaw minn livell insuffiċjenti ta' riżorsi għall-fatt li l-mandat attwali tagħha ma jkoprix theddid ġdid għas-sigurtà, bħas-sabotaġġ, it-theddid ibridu jew il-manipulazzjoni tal-informazzjoni. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni se tipproponi **riforma ambizzjuża tal-mandat tal-Europol**, biex din tinbidel f'aġenzija tal-pulizija verament operattiva, li tappoġġja aħjar lill-Istati Membri. L-għan huwa li jissaħħa l-għarfien espert teknoloġiku tal-Europol u l-kapaċità li tappoġġja l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, li tissaħħa il-koordinazzjoni ma' aġenziji u korpi oħra u mal-Istati Membri, li jissaħħa s-sħubijiet strateġiċi mal-pajjiżi sħab u s-settur privat, u li tiġi żgurata sorveljanza msaħħa tal-Europol.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem biex tkompli **ttejjeb l-effettività u l-komplementarjetà tal-aġenziji u l-korpi tal-UE għas-sigurtà interna u ssaħħa il-kooperazzjoni bla xkiel** bejniethom.

Il-mandat tal-**Eurojust** se jiġi vvalutat u msaħħa għal kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effettiva, li ssaħħa il-komplementarjetà u l-kooperazzjoni mal-Europol. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-effiċjenza tal-Eurojust kif ukoll il-kapaċità tagħha li tipprovdi appoġġ u analiżi proattivi lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri. Barra minn hekk, minħabba l-kompetenza unika **tal-UPPE** li jinvestiga u jressaq quddiem il-ġustizzja reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tqis kif l-aħjar ittejjeb il-kapaċità tal-UPPE biex jipproteġi l-fondi tal-Unjoni. Dan se jinkludi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-Europol.

Skambju ta' informazzjoni effiċjenti u sigur bejn l-aġenziji huwa kruċjali għall-kooperazzjoni. Il-Europol u l-Frontex jeħtieġu skambju reċiproku rapidu ta' informazzjoni, inkluż għal finijiet operazzjonali, b'segwitu għad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Jannar 2024¹⁰. L-**eu-LISA** għandha rwol ċentrali fl-iżgurar tal-ħżin u d-disponibbiltà siguri tad-data għal koordinazzjoni aħjar u skambju ta' informazzjoni aktar effiċjenti bejn l-aġenziji. L-**Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali** tipprovdi għarfien espert dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki tas-sigurtà.

¹⁰ https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/europol-frontex_joint_statement_signed_31.1.2024.pdf.

L-Awtorità tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA, Anti-Money Laundering Authority) ingħatat is-setgħa li tqabbel l-informazzjoni, fuq bażi ta' hit/no-hit, ma' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Europol, mill-UPPE, mill-Eurojust u mill-Uffiċċju tal-UE ta' Kontra l-Frodi biex twettaq analiżijiet konġunti ta' każijiet transfruntiera.

L-ENISA għandha rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar iċ-ċibersigurtà. Fir-**reviżjoni** li jmiss tal-Att dwar iċ-**Ċibersigurtà**, il-Kummissjoni se tivvaluta l-mandat tagħha u tipproponi li timmodernizzah biex issaħħaħ il-valur miżjud tal-UE tagħha.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi se tiżdied bil-ħolqien propost tal-**Awtorità Doganali tal-UE u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE** skont il-pakkett tar-Riforma Doganali tal-UE. L-informazzjoni mill-Pjattaforma futura u data relatata mill-Europol, il-Eurojust, l-UPPE, l-OLAF, l-AMLA u l-Frontex, fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, se ttejjeb l-analiżi konġunta u tikkontribwixxi għal attivitajiet operazzjonali aktar koerenti, b'mod partikolari fil-fruntieri esterni. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-koleġiżlaturi biex ilestu malajr in-negozjati dwar ir-Riforma Doganali tal-UE u se tkompli tassistihom għal dan l-għan.

It-titjib tal-komplementarjetà bejn l-UPPE, l-OLAF, il-Europol, il-Eurojust, l-AMLA u l-Awtorità Doganali tal-UE proposta se jibni wkoll fuq ir-riżultati tar-rieżami li għaddej tal-**Arkitettura tal-UE Kontra l-Frodi**. Is-sigurtà interna tista' tibbenefika minn dan l-approċċ olistiku, li jiffoka fuq użu aħjar kemm tal-mezzi kriminali kif ukoll dawk amministrattivi, l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u kooperazzjoni mtejba.

Komunikazzjoni Kritika

Illum, is-**sistemi kritiċi ta' komunikazzjoni**¹¹ jitħaddmu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, b'mod iżolat fil-livell nazzjonali. Dan ifisser li persuni tal-ewwel rispons spiss ma jkunux jistgħu jikkomunikaw mal-kontropartijiet tagħhom meta jaqsmu l-fruntiera fi Stati Membri oħra. F'xi Stati Membri, hemm ukoll limitazzjonijiet fuq il-komunikazzjonijiet bejn tipi differenti ta' persuni tal-ewwel rispons (pereż. il-pulizija u l-ambulanzi). L-istandards tal-biċċa l-kbira tas-sistemi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-lum f'termini ta' funzjonalità u reżiljenza, u b'hekk jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' reazzjoni tal-persuni tal-ewwel rispons, speċjalment bejn il-fruntieri.

Biex ittejjeb il-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għall-kriżijiet, il-Kummissjoni se tipproponi leġiżlazzjoni biex toħloq **Sistema Ewropea ta' Komunikazzjoni Kritika (EUCCS, European Critical Communication System)** biex tgħaqqad is-sistemi ta' komunikazzjoni kritika tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-Istati Membri fl-UE. L-għan huwa li l-EUCCS tkun ibbażata fuq tliet pilastru strateġiċi: il-mobbiltà operazzjonali, ir-reżiljenza b'saħħitha u l-awtonomija strateġika. L-inizjattiva tal-EUCCS se tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati u se tgħin biex jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' komunikazzjoni kritika tal-Istati Membri, biex b'hekk ikunu jistgħu jiffunzjonaw b'mod bla xkiel. Se testendi wkoll il-kopertura tas-sistema permezz tas-sistema multiorbitali futura tal-IRIS¹². Il-proġetti ffinanzjati mill-UE se jibnu l-kapaċitajiet tekniċi għall-EUCCS, filwaqt li jiddependu primarjament fuq il-fornituri tat-teknoloġija Ewropej, biex titrawwem l-awtonomija strateġika tal-UE f'dan is-settur sensitiv.

¹¹ Jiġifieri, in-networks użati mill-infurzar tal-liġi, il-gwardji tal-fruntieri, l-awtoritajiet doganali, il-protezzjoni ċivili, il-pumpiera, dawk li jirrispondu għal emerġenza medika u atturi ewlenin oħra għas-sigurtà u s-sikurezza pubblika.

¹² L-Infrastruttura tal-UE għar-Reżiljenza, l-Interkonnnettività u s-Sigurtà bis-Satellita

Aċċess legali għad-data

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww għadizzjarji jeħtieġ li jkunu jistgħu jinvestigaw u jieħdu azzjoni kontra l-kriminalità. Illum, kważi l-forom kollha ta' kriminalità serja u organizzata għandhom impronta diġitali¹³. Madwar 85 % tal-investigazzjonijiet kriminali issa jiddependu fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jaċċessaw l-informazzjoni diġitali.¹⁴

Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Aċċess għad-Data għal Infurzar Effettiv tal-Liġi enfasizza fir-rapport konklużiv tiegħu¹⁵ li l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura kienu qed jitolfu t-taqtiġha kontra l-kriminali matul l-aħħar għaxar snin hekk kif il-kriminali jagħmlu użu minn għodod u prodotti pprovduti minn ġurisdizzjonijiet oħra, minn fornituri li stabbilew miżuri li jċaħħduhom mill-mezzi biex jikkooperaw ma' talbiet legali f'każijiet kriminali individwali. Għalhekk, il-kooperazzjoni sistematika bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-partijiet privati, inklużi l-fornituri tas-servizzi, hija essenzjali fl-isforzi futuri biex jiġu sfrattati n-networks kriminali u l-individwi l-aktar ta' theddida fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Hekk kif id-diġitalizzazzjoni ssir aktar mifruxa u tipprovdi sors dejjem jikber ta' għodod ġodda għall-kriminali, huwa essenzjali qafas għall-aċċess għad-data li jwieġeb għall-ħtiġijiet li ninfurzw il-liġijiet tagħna u niproteġu l-valuri tagħna. Fl-istess ħin, l-iżguraw li s-sistemi diġitali jibqgħu siguri minn aċċess mhux awtorizzat huwa ugwalment vitali biex tiġi ppreservata ċ-ċibersigurtà u tiġi protetta kontra theddid emerġenti għas-sigurtà. Tali oqfsa ta' aċċess iridu jirrispettaw ukoll id-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiżguraw fost l-oħrajn li l-privatezza u d-data personali jkunu protetti b'mod adegwat.

Matul dawn l-aħħar snin, l-UE ħadet azzjoni kemm biex tindirizza **l-kriminalità online kif ukoll biex tiffaċilita l-aċċess għall-evidenza diġitali għar-reati kollha**, bl-adozzjoni ta' regoli dwar l-evidenza elettronika li se japplikaw bis-sħiħ minn Awwissu 2026¹⁶. Dawn se jiġu kkomplementati minn strumenti internazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni u evidenza. Il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi l-iffirmar u l-konklużjoni tal-**Konvenzjoni l-ġdida tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità**.

Biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli¹⁷, fl-ewwel nofs tal-2025 il-Kummissjoni se tippreżenta **pjan direzzjonali li jstabbilixxi l-miżuri legali u prattiċi** li tipproponi li tiegħu **biex tiżgura aċċess legali u effettiv għad-data**. Fis-segwitu għal dan il-Pjan Direzzjonali, il-Kummissjoni se tipprijoritizza valutazzjoni tal-impatt tar-**regoli dwar iż-żamma tad-data** fil-livell tal-UE u l-preparatezza ta' **Pjan Direzzjonali Teknoloġiku dwar il-kriptaġġ**, biex tidentifika u tivvaluta soluzzjonijiet teknoloġiċi li jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jaċċessaw data kriptata b'mod legali, filwaqt li tissalvagwardja ċ-ċibersigurtà u d-drittijiet fundamentali.

Kooperazzjoni operazzjonali

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri, l-aġenziji u l-korpi tal-UE u l-pajjiżi sħab biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali, li hija essenzjali għal approċċ aktar effettiv għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali u t-terroriżmu.

¹³ <https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf>

¹⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52019PC0070>.

¹⁵ Concluding report of the High-Level Group on access to data for effective law enforcement- 15/11/2024, 4802e306-c364-4154-835b-e986a9a49281_en.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordinijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali, ĠU L 191, 28.7.2023.

¹⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi (12 ta' Diċembru 2024) <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16448-2024-INIT/mt/pdf>.

Bħala l-qafas ewlieni tal-UE għal azzjoni konġunta kontra l-kriminalità serja u organizzata, il-**Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats)** kisbet riżultati operazzjonali sostanzjali. Iċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029 jippreżenta opportunità biex dan il-qafas jissaħħaħ saħansitra aktar. Sabiex jiġu sfrattati n-networks kriminali u l-individwi l-aktar ta' theddida, l-Unjoni trid tissimplifika u tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-aktar prijoritajiet urġenti, issaħħaħ l-impenji tal-Istati Membri u tiżgura użu effettiv tar-riżorsi.

Għal dak l-għan, il-Kummissjoni se taħdem mal-Presidenzi tal-Kunsill u l-Istati Membri biex **timmassimizza l-potenzjal tal-EMPACT u tindirizza l-prijoritajiet ewlenin għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029**. F'dawn l-oqsma ta' prijorità, hemm bżonn ta' intelligence dwar l-aktar networks kriminali ta' theddid, investigazzjonijiet konġunti u task forces operazzjonali u rispons ġudizzjarju b'saħħtu, inkluż approċċ "segwi l-flus". Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Unjoni tindirizza r-reklutaġġ u l-infiltrazzjoni kriminali u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u t-taħriġ fl-infurzar tal-liġi internazzjonali u bejn diversi aġenziji.

Il-Kummissjoni se tappoġġja wkoll forum oħra ta' **kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera fl-infurzar tal-liġi fost l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen**. Iż-żona Schengen, mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib u skambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna. Illum, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għadhom qed jiffaċċjaw sfidi meta jissorveljaw jew iwettqu interventi urġenti bejn il-fruntieri¹⁸, u l-għieda kontra t-theddid ibridu teħtieġ ukoll kooperazzjoni transfruntiera msaħħa. Għandu jinħoloq **Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi** biex tiġi żviluppata viżjoni strateġika kondiviża.

L-iskambju effiċjenti tad-data fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huwa essenzjali wkoll għal kooperazzjoni transfruntiera effettiva. Ladarba tiġi stabbilita, **l-arkitettura tal-interoperabbiltà** se tipprovi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol b'aċċess effettiv għal informazzjoni kruċjali. Fl-istess ħin, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jipprijoritizzaw l-iskambju bilaterali u multilaterali ta' informazzjoni, permezz tal-implimentazzjoni legali u teknika tar-**Regolament Prüm II**¹⁹, f'kooperazzjoni mal-eu-LISA u l-Europol. Dan se jippermetti skambji awtomatizzati siguri ta' marki tas-swaba', profili tad-DNA, data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, immaġnijiet tal-wiċċ, u rekords tal-pulizija permezz ta' routers tal-UE. Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri jeħtieġ li jimplimentaw id-**Direttiva dwar l-iskambju ta' Informazzjoni**²⁰ li ttejjeb il-kanali ta' skambju ta' informazzjoni għal fluss transfruntier ta' informazzjoni bla xkiel, filwaqt li jiżguraw l-integrazzjoni tagħhom ma' sistemi fil-livell tal-Unjoni, bħal SIENA²¹.

Kooperazzjoni transfruntiera effettiva tiddependi wkoll fuq it-trawwim ta' **kultura komuni tal-infurzar tal-liġi tal-UE**. Taħriġ konġunt, ċentri ta' eċċellenza u programmi ta' mobilità huma essenzjali biex jintlaħaq dan l-għan. Il-Kummissjoni se tesplora kif l-UE tista' tappoġġja bl-

¹⁸Kif irrapportat fil-Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-effett mogħti mill-Istati Membri lir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi (5909/25).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/982 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzati ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija, u li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Prüm II) ĠU L, 2024/982, 5.4.2024.

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI ĠU L 134, 22.5.2023, p. 1–24.

²¹ Applikazzjoni ta' Network għall-iskambju Sikur ta' Informazzjoni.

aħjar mod it-taħriġ għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, billi tiddependi fuq is-CEPOL bħala l-aġenzija tal-UE għat-taħriġ fl-infurzar tal-liġi.

It-tisħiħ tas-sigurtà tal-fruntieri

It-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-fruntieri esterni huwa kruċjali biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma, biex l-atturi tat-theddid u l-oġġetti ma jitħallewx jidħlu fl-UE, u sabiex il-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu jiġu miġġielda b'mod effettiv. **Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS, Schengen Information System) hija ppjanata li tissaħħaħ fl-2026** biex tippermetti lill-Istati Membri jdaħħlu allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi involuti fit-terroriżmu, inklużi ġellieda terroristi barranin, u f'reati serji oħra, abbażi ta' data kondiviża minn pajjiżi terzi mal-Europol.

Interoperabbiltà mtejba tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fuq skala kbira se tipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni essenzjali dwar individwi minn pajjiżi terzi li jaqsmu jew li għandhom l-intenzjoni li jaqsmu l-fruntieri esterni, filwaqt li tgħin lill-awtoritajiet jivvalutaw il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tad-dħul fit-territorju tal-Istati Membri²². Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-eu-LISA għall-implimentazzjoni rapida ta' dawn is-sistemi, b'mod partikolari s-**Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES, Entry/Exit System)**, is-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS, European Travel Information and Authorisation System)** u s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System)** riveduta, biex tiżgura l-operat bla xkiel u l-benefiċċji tas-sigurtà tagħhom.

Biex tkompli ssaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE fid-dawl tat-theddid li qed jevolvi, **il-Kummissjoni se tipproponi li ssaħħaħ il-Frontex**. Il-Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jittriplaw għal 30 000 maż-żmien. L-Aġenzija għandha tkun mġhamra b'teknoloġija avvanzata għas-sorveljanza u l-għarfien tas-sitwazzjoni, inkluż intelligence rilevanti għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri u aċċess għal servizzi governattivi robusti tal-UE għall-Osservazzjoni tad-Dinja għall-kontroll tal-fruntieri li għandhom jiġu skjerati sal-2027. Dan għandu jkompli jsaħħaħ il-kapaċità tad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera fil-fruntieri esterni kif ukoll it-tisħiħ tal-appoġġ tagħha lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tar-ritorni, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà.

Il-frodi tad-dokumenti u tal-identità tiffaċilita l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar ta' bnedmin, il-movimenti kriminali klandestini, u t-traffikar ta' oġġetti illeċiti. **Id-detettur ta' identitajiet multipli (MID, multiple-identity detector)**²³, ladarba jkun operazzjonali, se jtejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw individwi li jużaw identitajiet multipli u jiġġieldu l-frodi tal-identità. Il-Kummissjoni se tesplora modi kif ittejjeb is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tar-residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-UE u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tivvaluta kif il-Kartieri tal-Identità Diġitali tal-UE, li għandhom jiġu introdotti skont il-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali sa tmiem l-2026, jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u

²² B'mod partikolari, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) se tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni taż-żona Schengen u jirreġistraw id-dħul u l-ħruġ tagħhom, filwaqt li tippermetti identifikazzjoni sistematika ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Qabel il-wasla ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) se jippermettu lill-Istati Membri jivvalutaw minn qabel jekk il-preżenza ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-UE toħloqx riskju għas-sigurtà.

²³ L-MID huwa wieħed mill-komponenti tal-interoperabbiltà introdotti bir-Regolament (UE) 2019/818 u r-Regolament 2019/817.

jtejbu l-verifika tal-identità. Dan se jikkomplementa l-proposti dwar il-kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali u l-Applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE²⁴.

L-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar hija kruċjali għall-awtoritajiet biex jidentifikaw u jinvestigaw movimenti ta' kriminali, terroristi, u oħrajn li joħlqu theddid għas-sigurtà. Filwaqt li jeżisti qafas tal-UE għall-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar kummerċjali bl-ajru²⁵, l-ipproċessar tad-data minn modi oħra tat-trasport għal finijiet ta' infurzar tal-liġi huwa frammentat. Konsegwentement, il-kriminali u t-terroristi jistgħu jisfruttaw modi differenti ta' trasport għal attivitajiet illegali mhux identifikati. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u l-industrija tat-trasport biex **issaħħaħ il-qafas ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar** billi tesplora skema tal-Unjoni li tirrikjedi li l-operaturi ta' titjriet privati jiġbru u jittrasferixxu data dwar il-passiġġieri, tevalwa r-regoli dwar l-ipproċessar tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, u tivvaluta modi kif jiġi ssimplifikat l-ipproċessar tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar marittimu. Għat-trasport bit-triq, il-Kummissjoni se tivvaluta użu estiż ta' sistemi ta' **Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (ANPR, Automatic Number Plate Recognition)** u żżid il-possibbiltajiet għal sinerġiji mas-SIS.

Approċċ ta' prospettiva, innovazzjoni u xprunat mill-kapaċità

Il-Kummissjoni se tiżviluppa **approċċ komprensiv ta' prospettiva dwar is-sigurtà interna fil-livell tal-UE**, li jiddependi fuq l-aħjar prattiki identifikati fil-livell nazzjonali. Dan l-approċċ se jappoġġja t-fassil tal-politika u jiggwida l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-UE.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol kruċjali fis-sigurtà interna billi joħlqu soluzzjonijiet għall-ġlieda kontra t-theddid emerġenti, inkluż mill-użu ħażin tat-teknoloġija²⁶. L-UE trid tkompli tinvesti, permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-sigurtà ffinanzjati mill-UE²⁷, fl-iżvilupp ta' għodod u soluzzjonijiet innovattivi biex tindirizza t-theddid għas-sigurtà filwaqt li taderixxi mar-regoli u d-drittijiet fundamentali tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja t-tranżizzjoni mir-riċerka għall-iskjerament, biex tiżgura l-adozzjoni effettiva ta' dawk il-kapaċitajiet moderni, bi prijorità fuq **teknoloġiji moderni** bħall-IA. Dan l-approċċ għandu jinkludi taħriġ biex jittejjeb l-użu tas-sistemi tal-IA u kapaċitajiet tekniċi oħra mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji. Barra minn hekk, meta rilevanti, il-potenzjal ta' użu doppju tat-teknoloġiji għandu jiġi sfruttat fiż-żewġ direzzjonijiet (minn ċivili għal difiża, u mid-difiża għal ċivili)²⁸.

Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna²⁹, network ta' laboratorji tal-innovazzjoni li jipprovdu l-aħħar aġġornamenti tal-innovazzjoni u soluzzjonijiet effettivi biex jappoġġjaw il-ħidma tal-atturi tas-sigurtà interna fl-UE u fl-Istati Membri, se jgħinu biex ir-riċerka tiġi integrata fil-prattika u fil-politika. It-titjib tal-effettività tal-Europol jeħtieġ it-tisħiħ tar-Repożitorju tal-Għodod tal-Europol (ETR, Europol Tool Repository), li jippermettilha

²⁴ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_24_5047.

²⁵ Il-qafas tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) u tal-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API, Advance Passenger Information) stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2016/681 ("id-Direttiva dwar il-PNR") u r-Regolament (UE) 2025/12, ir-Regolament (UE) 2025/13 ("ir-Regolamenti dwar l-API").

²⁶ Ara r-rapport taċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni "Emerging risks and opportunities for EU internal security stemming from new technologies" <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC139674>.

²⁷ Study on strengthening EU-funded security research and innovation – 20 years of EU-Funded Civil Security Research and Innovation – 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2837/0004501>.

²⁸ Kif stabbilit fir-rapport ta' Niinistö.

²⁹ Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna | Europol.

tidentifika, tiżviluppa, takkwista b'mod konġunt, u tapplika teknoloġji avvanzati b'mod operazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Kampus għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-Sigurtà** fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha, li jlaqqa' flimkien lir-riċerkaturi biex iqassru ċ-ċiklu mir-riżultati tar-riċerka għall-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċċess, filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni.

Iż-**Żona Ewropea tar-Riċerka** tagħna hija min-natura tagħha stess kollaborattiva, u għalhekk permeabbli għall-interferenza barranija u d-diżinformazzjoni. Wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sigurtà tar-riċerka³⁰, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jieħdu miżuri biex jagħtu s-setgħa lill-atturi rilevanti, fost l-oħrajn billi jistabbilixxu Ċentru ta' Għarfien Espert dwar is-sigurtà tar-riċerka.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se tadotta:

- **proposta leġiżlattiva biex l-Europol tiġi ttrasformata f'aġenzija tal-infurzar tal-liġi verament operazzjonali fl-2026**
- **proposta leġiżlattiva biex issaħħaħ l-Eurojust fl-2026**
- **proposta leġiżlattiva biex issaħħaħ ir-rwol u l-kompiti tal-Frontex fl-2026**
- **proposta leġiżlattiva biex tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Komunikazzjoni Kritika fl-2026**

Il-Kummissjoni se:

- **tippreżenta Pjan Direzzjonali li jistabbilixxi t-triq 'il quddiem dwar l-aċċess legali u effettiv għad-data għall-infurzar tal-liġi fl-2025**
- **tħejji valutazzjoni tal-impatt fl-2025 bil-ħsieb li taġġorna r-regoli dwar iż-żamma tad-data fil-livell tal-UE, kif xieraq**
- **tippreżenta Pjan Direzzjonali Teknoloġiku dwar il-kriptaġġ biex tidentifika u tivvaluta soluzzjonijiet teknoloġiċi li jippermettu aċċess legali għad-data mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-2026**
- **taħdem lejn il-ħolqien ta' Grupp ta' Livell Għoli biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi**
- **toħloq Kampus ta' Riċerka u Innovazzjoni fis-Sigurtà fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tiegħu fl-2026**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, se:

- **issaħħaħ l-arkitettura tal-EMPACT**
- **taħdem lejn l-introduzzjoni rapida tal-arkitettura tal-interoperabbiltà u l-implimentazzjoni tar-Regolament Prüm II**
- **issaħħaħ il-qafas ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar**

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- **jittrasponu u jimplementaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni**

³⁰ ĠU C/2024/3510, 30.5.2024.

4. Reżiljenza kontra theddid ibridu u atti ostili oħra

Se nibnu r-reżiljenza kontra t-theddid ibridu billi nsaħħu l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, insaħħu ċ-ċibersigurtà, niżguraw iċ-ċentri tat-trasport u l-portijiet u niġġieldu t-theddid online.

Il-frekwenza u s-sofistikazzjoni ta' atti ostili li jimminaw is-sigurtà tal-UE żdiedu, b'atturi malizzjużi li jespandu l-arsenal tagħhom b'mod sinifikanti. Kampanji ibridi mmirati lejn l-UE, l-Istati Membri u s-sħab tagħha, intensifikaw, u jinkludu atti ta' sabotaġġ immirati lejn infrastruttura kritika, ħruq doluż, attackki ċibernetiċi, interferenza elettorali, manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI, foreign information manipulation and interference), inkluża d-diżinformazzjoni, u l-użu tal-migrazzjoni bħala arma. Minħabba r-rwol politiku u operazzjonali tagħhom, u n-natura tal-informazzjoni li jittrattaw, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ("entitajiet tal-Unjoni") mhumiex eżentati.

L-UE trid **issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha**, tuża l-ġhodod attwali b'mod effettiv, u tiżviluppa modi ġodda biex tikkonfronta dan it-theddid li qed jevolvi li jirriżulta minn atturi statali u mhux statali, kemm issa kif ukoll fil-futur.

Infrastruttura kritika

It-theddid għall-**infrastruttura kritika**, inkluż it-theddid ibridu bħas-sabotaġġ u l-attività ċibernetika malizzjuża, huwa ta' tħassib kbir, b'mod partikolari għall-infrastruttura li tgħaqqad lill-Istati Membri – kemm jekk ikunu interkonnetturi tal-enerġija jew kejbils ta' komunikazzjoni transfruntiera, u t-trasport. Mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-atti ta' sabotaġġ immirati lejn l-infrastruttura kritika żdiedu, b'mod partikolari fl-2024, li affettwaw bosta Stati Membri. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-infurzar tal-liġi, tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni militari u ċivili, u l-operaturi privati hija essenzjali għall-antiċipazzjoni, l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u r-rispons għal tali atti b'mod effettiv.

It-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet u t-tiġħ tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi huma essenzjali biex jiġi żgurat il-forniment mingħajr interruzzjoni ta' servizzi essenzjali vitali għall-ekonomija u s-soċjetà. It-traspożizzjoni f'waqtha u l-implimentazzjoni korretta mill-Istati Membri kollha tad-**Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER, Critical Entities Resilience)**³¹ u d-**Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS2)**³² huma għalhekk kruċjali f'dak ir-rigward.

Biex tiżgura progress rapidu, il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi³³ u fl-iskambju ta' prattiki tajbin dwar l-istrateġiji nazzjonali u dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju fir-rigward tas-servizzi essenzjali, f'kooperazzjoni mal-**Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS**. Jekk iseħħ tfixkil fl-infrastruttura kritika b'impatt transfruntier sinifikanti, il-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infrastruttura Kritika** se jikkoordina r-reazzjonijiet fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Kunsill jadotta malajr il-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE Ċibernetiku**, li se jkompli jsaħħaħ il-koordinazzjoni fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kriżijiet, filwaqt li jiffaċilita kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet dwar ir-reżiljenza fiżika u diġitali. Wara testijiet tal-istress b'suċċess fis-settur tal-enerġija fl-2023, il-Kummissjoni se tippromwovi **testijiet tal-istress**

³¹ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE.

³² Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2).

³³ Is-setturi koperti mid-Direttiva huma l-enerġija, it-trasport, il-banek, l-infrastruttura tas-suq finanzjarju, is-sahha, l-ilma tax-xorb, l-ilma mormi, l-infrastruttura diġitali, l-amministrazzjoni pubblika, l-ispażju, il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel.

volontarji f'setturi ewlenin oħra għas-sigurtà interna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipprovdi **ħarsa ġenerali fil-livell tal-Unjoni tar-riskji transfruntiera u transsettorjali** għas-servizzi essenzjali biex tappoġġja l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-Istati Membri u tinforma valutazzjoni tar-riskju komprensiva fil-livell tal-UE. F'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Preparatezza, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-Istati Membri biex tidentifika aktar setturi u servizzi mhux koperti mil-leġislazzjoni attwali li għalihom jista' jkun hemm bżonn li tittieħed azzjoni.

It-Task-Force UE-NATO dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika rawmet kooperazzjoni eċċellenti fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u fit-tisħiħ tar-reżiljenza fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport, tal-infrastruttura diġitali u tal-ispazju. Din il-ħidma se tkompli fi ħdan id-**Djalogu Strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza. Is-Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu** joffri appoġġ robust lill-Istati Membri u lis-sħab fit-tħejjija u fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu. **It-Timijiet ta' Rispons Rapidu kontra Theddid Ibridu**³⁴ jipprovdu assistenza fuq terminu qasir imfassla apposta fuq talba lill-Istati Membri, diversi missjonijiet u sħab tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra s-sabotaġġ permezz ta' attivitajiet ta' esperti³⁵, inkluż **programm ta' ħidma konġunt iddedikat** għall-esperti biex jissimplifikaw l-iskambju ta' informazzjoni u jimmappjaw il-kontromiżuri.

Inċidenti li jaffettwaw il-**kejbils sottomarini** fl-Ewropa jenfasizzaw il-ħtieġa għal miżuri aktar b'saħħithom u risponsi aktar ċari. Kif deskritt fil-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-Sigurtà tal-Kejbils**³⁶, il-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli, se tikkollabora mal-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE, u sħab bħan-NATO biex tipprevjeni, tidentifika, tirrispondi u tiskoraġġixxi t-theddid għall-kejbils sottomarini. Biex tiżviluppa stampa integrata tas-sitwazzjoni tat-theddid, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa u tuża, fuq bażi volontarja, mekkaniżmu ta' sorveljanza integrat għal kejbil sottomarin għal kull baċir tal-baħar, billi tibda b'ċentru reġjonali Nordiku/Baltiku.

Ċibersigurtà

In-natura persistenti tal-**attività ċibernetika malizzjuża**, li spiss tiffurma parti minn firxa usa' ta' theddid multidimensjonali u ibridu, teħtieġ attenzjoni u azzjoni kontinwi fil-livell Ewropew. F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni adottat firxa ta' liġijiet dwar iċ-ċibersigurtà li jsaħħu r-reżiljenza ċibernetika tal-entitajiet NIS2 li joperaw fis-setturi kritiċi tal-UE kif ukoll fl-entitajiet tal-Unjoni³⁷, itejbu s-sigurtà tal-prodotti diġitali (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) u jistabbilixxu qafas għall-preparatezza u għall-appoġġ tar-rispons għall-inċidenti (l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà). F'Jannar 2025, il-Kummissjoni adottat il-**pjan ta' azzjoni Ewropew dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa**³⁸ biex ittejjeb l-identifikazzjoni tat-theddid, il-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet. L-implimentazzjoni sħiħa tiegħu hija kruċjali. Fl-istess ħin, biex nindirizzaw theddid u żviluppi ġodda, jeħtieġ li

³⁴ Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża 2022, p.22

³⁵ Il-Konsulenti tal-UE dwar is-Sigurtà Protettiva, in-Network Ewropew għat-Tneħħija ta' Mezzi Esplożivi (EEODN, European Explosive Ordnance Disposal Network), in-Network ATLAS, in-Network tal-UE għas-Sigurtà ta' Riskju Għoli (EU HRSN, EU High Risk Security Network), il-Grupp Konsultattiv dwar is-Sigurtà tas-CBRN, il-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CERG, Critical Entities Resilience Group).

³⁶ JOIN (2025) 9 final.

³⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jstabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023.

³⁸<https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/european-action-plan-cybersecurity-hospitals-and-healthcare-providers>.

nżidu l-azzjonijiet tagħna b' mod partikolari fl-oqsma tal-iskambju tal-informazzjoni, is-sigurtà tal-katina tal-provvista, ir-ransomware u l-attakki ċibernetiċi, kif ukoll is-sovranità teknoloġika.

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tirrikjedi li titnaqqas id-diskrepanza attwali fil-ħiliet ta' ċibersigurtà ta' 299 000 persuna. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri taħt l-Unjoni tal-ħiliet³⁹ biex tespandi l-forza tax-xogħol ta' ċibersigurtà, b' mod partikolari billi tuża l-Akkademja l-ġdida għall-ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. Il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM⁴⁰ jikkontribwixxi għat-titjib tal-pipeline ta' talenti u r-rispons tal-Ewropa għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' ċibersigurtà.

B' mod parallel mat-tiħiħ tar-reżiljenza tagħha, l-UE se tkompli tagħmel użu sħiħ mill-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi (**Is-Sett ta' Għodod ta' Ċiberdiplomazija**) biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u tirispondi għat-theddid ċibernetiku li jirriżulta minn atturi statali u mhux statali.

Is-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT

Is-Sett ta' Għodod għaċ-Ċibersigurtà tal-5G jipprovdi l-qafas rilevanti għall-protezzjoni tan-networks 5G, iżda bħalissa mhux implimentat biżżejjed mill-Istati Membri. Għad hemm riskji inaċċettabbli għas-sigurtà, speċifikament fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' fornituri b' riskju għoli. Approċċ armonizzat għas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT jista' jindirizza l-frammentazzjoni attwali tas-suq intern ikkawżata minn approċċi differenti fil-livell nazzjonali, jevita dipendenzi kritiċi u jnaqqas ir-riskju tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT tagħna minn fornituri b' riskju għoli, b' dan il-mod jiżgura l-infrastruttura kritika tagħna.

F'konformità ma' dan l-approċċ, fir-**reviżjoni** li jmiss tal-**Att dwar iċ-Ċibersigurtà**, il-Kummissjoni se tħares b' mod aktar wiesa' lejn is-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista u l-infrastruttura tal-ICT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippromovi li ttejjeb il-**Qafas Ewropew ta' Ċertifikazzjoni ta' Ċibersigurtà**, biex tiżgura li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni futuri jkunu jistgħu jiġu adottati fil-ħin u jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-politika.

Filwaqt li tibni fuq valutazzjonijiet settorjali eżistenti jew li għaddejjin bħalissa⁴¹, il-Kummissjoni se tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, **ippjanar strateġiku għal valutazzjonijiet tar-riskju ta' ċibersigurtà kkoordinati**.

Is-servizzi tal-cloud u tat-telekomunikazzjoni saru element ewlieni fil-ktajjen tal-provvista tal-infrastrutturi kritiċi, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi. Il-Kummissjoni se tieħu azzjoni biex tħeġġeġ lill-entitajiet kritiċi jagħżlu **servizzi tal-cloud u tat-telekomunikazzjoni li joffru livell xieraq ta' ċibersigurtà**, filwaqt li tqis mhux biss ir-riskji tekniċi iżda wkoll ir-riskji u d-dipendenzi strateġiċi.

Ransomware u attakki ċibernetiċi

Sfida ewlenija persistenti fl-UE u globalment hija r-**ransomware**, b' rapport partikolari jistma kost annwali globali ta' aktar minn EUR 250 biljun sal-2031⁴². Kemm id-**Direttiva NIS2** kif ukoll l-**Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika** se jtejjbu b' mod sinifikanti l-pożizzjoni tas-sigurtà tal-entitajiet, u b' hekk jagħmluha aktar għalja għan-networks tar-ransomware biex iwettqu l-attakki tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li aktar attakki ta' ransomware, b' mod partikolari theddid persistenti avvanzat, u

³⁹ COM (2025) 90 final.

⁴⁰ COM (2025) 89 final.

⁴¹ Bħal dwar in-networks 5G, it-telekomunikazzjoni, l-elettriku, l-enerġija rinnovabbli u l-vetturi konnessi.

⁴² <https://cybersecurityventures.com/global-ransomware-damage-costs-predicted-to-reach-250-billion-usd-by-2031/>.

pagamenti ta' riskatt jiġu rrapportati lill-infurzar tal-liġi, u b'hekk jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet.

Biex tipprevjeni u twaqqaf l-attakki ċibernetiċi, jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet u l-entitajiet taċ-ċibersigurtà, kif ukoll partijiet privati, taħt il-patroċinju tal-Europol u l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA, EU Agency for Cybersecurity).

Il-Europol u l-Eurojust għandhom ikomplu jibnu fuq il-kisbiet li għamlu fit-tneħħija tal-operazzjonijiet ta' ransomware, b'appoġġ għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. Għal dan l-għan, l-infurzar tal-liġi għandu jimmassimizza l-użu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, inkluż il-**Mudell Internazzjonali ta' Rispons għar-Ransomware tal-Europol u l-Inizjattiva Internazzjonali Kontra r-Ransomware (CRI, Counter Ransomware Initiative)**⁴³, u l-ENISA u l-Europol għandhom jikkooperaw biex jespandu r-repożitorju tal-għodod ta' dekriptaġġ għax-xejriet tar-ransomware⁴⁴.

Sovranità teknoloġika

Iċ-ċibersigurtà u s-sovranità teknoloġika huma interkonnessi mill-qrib, u d-dipendenzi teknoloġiċi jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità. L-Unjoni trid **tidderieġi l-iżvilupp u l-iskjerament ta' teknoloġiji ġodda**, filwaqt li l-Kummissjoni taħdem biex **ittejjeb il-kapaċitajiet f'teknoloġiji strateġiċi** bħall-IA, il-kwantum, il-konnettività avvanzata, il-cloud, l-edge, u l-Internet tal-Ogġetti⁴⁵, permezz ta' inizjattivi futuri bħall-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, l-Istrateġija Kwantistika, u oħrajn⁴⁶. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-iskjerament f'waqtu tal-aħħar **protokoll tal-Internet** disponibbli maqbula internazzjonalment li huma essenzjali biex jinżamm Internet skalabbli u effiċjenti b'livell imtejjeb ta' ċibersigurtà. Huma meħtieġa wkoll azzjonijiet ulterjuri biex jiġu indirizzati l-**isfidi relatati mal-ispettru tar-radju** bħal fir-rigward tal-ispoofing tal-GNSS, id-disturbazzjoni, ir-riskji u d-dipendenzi tal-katina tal-provvista, bħall-użu ta' teknoloġiji ta' detezzjoni kwantistika u l-esplorazzjoni tal-iżvilupp tal-kapaċità ta' monitoraġġ tal-Frekwenza tar-Radju.

L-użu ta' soluzzjonijiet ta' **kriptografija postkwantistika** (PQC, post-quantum cryptography) se jkun kruċjali biex jiġu ssalvagwardjati komunikazzjonijiet sensittivi, data wieqfa u biex jiġu protetti l-identitajiet diġitali fl-era kwantistika l-ġdida. Abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-2024 dwar Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni Koordinat għat-tranżizzjoni għall-PQC⁴⁷, il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri biex trawwem dik it-tranżizzjoni. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw każijiet ta' riskju għoli f'entitajiet kritiċi u jiżguraw kriptaġġ sikur għall-kwantum għal dawn il-każijiet ta' riskju għoli malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tmiem l-2030. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, European Space Agency) biex tiżviluppa u tiskjera l-**infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika (EuroQCI, European quantum communication infrastructure)**⁴⁸, ibbażata fuq id-Distribuzzjoni Kwantistika tal-Kjavi (QKD, Quantum Key Distribution), bħala parti mill-**IRIS²**, il-Programm tal-UE għal

⁴³ <https://counter-ransomware.org/>.

⁴⁴ Disponibbli permezz tal-proġett No More Ransom, <https://www.nomoreransom.org/en/index.html>.

⁴⁵ https://strategic-technologies.europa.eu/about_en#step-scope.

⁴⁶ pereż. l-Impriża Konġunta EuroHPC https://eurohpc-ju.europa.eu/index_en, l-Quantum flagship Il-Paġna Ewlenija tal-Quantum Flagship | Quantum Flagship, in-networks 3C (COM (2024) 81 final) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-Sigurtà tal-Kejbils (JOIN (2025) 9 final).

⁴⁷ Rakkomandazzjoni dwar Pjan Direzzjonali ta' Implimentazzjoni Koordinat għat-tranżizzjoni għall-Kriptografija ta' Wara l-Kwantum | Shaping Europe's digital future.

⁴⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/european-quantum-communication-infrastructure-euroqci>.

Konnettività Sigura. Iż-żewġ inizjattivi fl-aħħar mill-aħħar se jippermettu lill-entitajiet jittrażmettu d-data u jaħżnu l-informazzjoni b'mod sigur.

It-**teknoloġiji kwantistiċi** se jkollhom ukoll rwol ewlieni fl-applikazzjonijiet tas-sigurtà: se jiġi żviluppaw **pjan direzzjonali għad-detezzjoni kwantistika fl-applikazzjonijiet tas-sigurtà** bħala parti mill-**Istrateġija Kwantistika**. Bl-istess mod, il-Kummissjoni qed taħdem biex is-sistemi kritiċi għas-sigurtà korporattiva tagħha jkunu reżistenti għall-kwantum, inklużi s-sistemi tal-IT klassifikati tagħha.

Qafas taç-çibersigurtà favorevoli għan-negozju

Ir-reviżjoni li jmiss tal-Att dwar iç-Çibersigurtà hija opportunità biex tiġi **ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar iç-çibersigurtà**, f'konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura implimentazzjoni rapida, koerenti u favorevoli għan-negozju tal-qafas orizzontali taç-çibersigurtà stabbilit fid-Direttiva NIS2, l-Att dwar ir-Reżiljenza Çibernetika u l-Att dwar is-Solidarjetà Çibernetika, filwaqt li tippromwovi s-sempliċità u l-koerenza u tevita l-frammentazzjoni jew id-duplikazzjoni tar-regoli dwar iç-çibersigurtà fil-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali.

Biex jippermetti aċċess sigur għas-servizzi online u jsaħħaħ is-sigurtà diġitali madwar l-UE, il-**Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali** se joffri liç-çittadini u lir-residenti kollha tal-UE Kartieri tal-Identità Diġitali affidabbli qabel tmiem l-2026. Il-**Kartiera Ewropea tan-Negozju** li jmiss se tiffaċilita l-interazzjonijiet transfruntiera siguri bejn in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. It-tnejn huma prerekwiżiti għall-funzjonament sigur u aktar effiċjenti tas-Suq Uniku xprunat mid-data b'għodod bħall-Gateway Diġitali Unika, il-fatturazzjoni elettronika, l-akkwist elettroniku u l-Passaport Diġitali tal-Prodotti.

Is-sigurtà online

Xi wħud mill-aktar theddidiet ibridi serji li jipperikolaw is-sigurtà u s-sikurezza tan-nies fl-Ewropa u li jimmiraw l-isfera demokratika tal-UE jseħħu online. Dan it-theddid jinkludi attivitajiet illegali u kontenut illegali online, manipulazzjoni tal-informazzjoni li tinvolvi amplifikazzjoni artifiċjali, informazzjoni qarrieqa u FIMI.

L-infurzar rigoruż tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (**DSA, Digital Services Act**) huwa ta' importanza kbira biex jiġi żgurat ambjent online sikur u aċċessibbli b'atturi responsabbli li jkun reżiljenti wkoll għat-theddid ibridu. Id-DSA jobbliga lill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs, very large online platforms) u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna (VLOSEs, very large online search engines) iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u jstabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni għar-riskji sistemiċi li jirriżultaw mid-disinn, mill-funzjonament jew mill-użu tas-servizzi tagħhom. Tali riskji jstgħu jinkludu effetti negattivi fuq id-diskors ċiviku u l-proċessi elettorali, kif ukoll fuq is-sigurtà pubblika, bħal interferenza estensiva ta' atturi statali barranin malizzjużi, pereżempju fil-proċessi elettorali. It-taħriġ tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-użu ta' għodod legali biex jitneħħa minnufih il-kontenut illegali online huwa importanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. Id-DSA jipprevedi mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet, li jista' jiġi attivat meta ċirkostanzi straordinarji jwasslu għal theddida serja għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni jew f'partijiet sinifikanti minnha. Biex jikkomplementaw dan il-mekkaniżmu, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura bħala Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali żviluppaw ukoll **Qafas volontarju ta' Rispons għall-Inċidenti tad-DSA**. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali hađu wkoll azzjoni biex jgħinu fil-protezzjoni tal-integrità tal-elezzjonijiet, pereżempju billi jorganizzaw diskussjonijiet madwar mejda elettorali u testijiet

tal-istress⁴⁹. Id-DSA, flimkien mar-Regolament dwar ir-reklamar politiku⁵⁰, jipprovdi waħda minn diversi fergħat marbuta mas-salvagwardja tad-demokrazija u l-integrità tal-proċessi demokratiċi, li huma vulnerabbli li jkunu fil-mira ta' atturi ostili, inkluż permezz ta' għodod diġitali u fuq il-media soċjali.

L-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-**FIMI** hija komponent importanti ieħor li joffri appoġġ ewlieni fil-livell tal-UE. L-appoġġ għal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku huma wkoll ċentrali għal dawn l-isforzi⁵¹.

Il-ġlieda kontra l-użu tal-migrazzjoni bħala arma

Ir-Russja, bl-għajnuna u l-appoġġ deċiżiv tal-Belarus, intenzjonalment użat il-migrazzjoni bħala arma, u ffaċilitat illegalment il-flussi migratorji lejn il-fruntieri esterni tal-UE bl-għan li tiddestabbilizza s-soċjetajiet tagħna u timmina l-unità tal-Unjoni Ewropea. Dan jipperikola mhux biss is-sigurtà u s-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri, iżda wkoll is-sikurezza u l-integrità taż-żona Schengen u s-sigurtà tal-Unjoni kollha kemm hi. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew enfasizza li r-Russja u l-Belarus, jew kwalunkwe pajjiż ieħor, ma jistgħux jitħallew jabbużaw mill-valuri tagħna, inkluż id-dritt għall-ażil, u jimminaw id-demokrazija tagħna.

Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024 dwar l-użu tal-migrazzjoni bħala arma, minbarra appoġġ politiku qawwi, l-Unjoni ħadet miżuri finanzjarji, operazzjonali u diplomatiċi, inkluża l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, biex tindirizza dan it-theddud b'mod effettiv⁵². Dan ir-rispons jinvolvi l-użu tal-qafas il-ġdid stabbilit mill-Kunsill biex jissanzjona individwi u organizzazzjonijiet involuti f'azzjonijiet u politiki bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma mir-Russja, billi jimponi l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjagġar⁵³. L-UE se tkompli tuża dan il-qafas, meta meħtieġ, u tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra din it-theddida.

Is-sigurtà tat-trasport

Il-portijiet marittimi, l-ajruporti u l-infrastruttura tal-art huma punti kruċjali ta' dħul u kruġ. Dawn għandhom rwol vitali fl-ekonomija u s-soċjetà tal-UE u huma essenzjali għall-mobbiltà militari. Madankollu, dawn iċ-ċentri u l-mezzi tat-trasport huma wkoll miri ewlenin għat-theddud estern u l-attività kriminali. Inċidenti reċenti, inkluż ksur tas-sigurtà tal-merkanzija tal-avjazzjoni u attakki fuq l-infrastruttura ferrovjarja, jenfasizzaw ir-riskji serji. L-**operaturi tat-trasport** jistgħu jkunu kemm miri kif ukoll strumenti għal atturi malizzjużi. L-istrumenti legali eżistenti tal-UE tejbju s-sigurtà tal-avjazzjoni⁵⁴, iżda l-livell għoli ta' theddid għall-avjazzjoni ċivili jitlob mezz biex jiġu previsti l-inċidenti u biex l-Istati Membri rilevanti jiġu kkonsultati malajr. Il-Kummissjoni se tikkollabora mal-Istati Membri biex temenda l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni eżistenti fil-qasam tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni klassifikata dwar l-**okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tqis **miżuri regolatorji** biex tindirizza theddid ġdid bħal **inċidenti ta' merkanzija bl-ajru** u biex issaħħaħ l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni. Dan se jinvolvi

⁴⁹ Sett ta' Għodod għall-Elezzjonijiet tad-DSA għall-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali 2025 <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/dsa-elections-toolkit-digital-services-coordinators>.

⁵⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, ĠU L, 2024/900, 20.3.2024.

⁵¹ Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) - Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

⁵² COM (2024) 570 final.

⁵³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja, ST/8744/2024/INIT, ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024.

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72–84.

wkoll it-tisħiħ tal-**leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (AVSEC, aviation security legislation)** biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' rispons immedjat filwaqt li tinżamm iż-żona ta' sigurtà unika fl-ajruporti tal-UE.

Fl-iżvilupp tal-**Istrateġija Portwarja tal-UE** li jmiss, filwaqt li tibni fuq l-**Alleanza tal-Portijiet tal-UE**, il-Kummissjoni se tesplora modi kif tkompli ssaħħa il-leġislazzjoni dwar is-sigurtà marittima biex tindirizza b' mod effettiv it-theddid emerġenti, il-portijiet siguri, u ttejjeb is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tiżgura l-implimentazzjoni robusta tagħha, u se taħdem fuq l-armonizzazzjoni tal-prattiki nazzjonali u t-tisħiħ tal-kontrolli tal-isfond fil-portijiet. Minbarra l-protokoll tas-sigurtà stabbiliti għall-merkanzija bl-ajru, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mas-settur privat fuq l-espansjoni ta' dawn il-protokoll biex jiġu żgurati l-ktajjen tat-trasport marittimu.

L-Awtorità Doganali tal-UE proposta se tanalizza u tivvaluta r-riskji bbażati fuq **informazzjoni doganali** relatata mal-oġġetti li jidħlu, joħorġu u jgħaddu mill-UE biex tappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-isfruttament tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali minn atturi malizzjużi. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà Marittima⁵⁵, il-**Patt Ewropew għall-Oċeani** li jmiss se jkollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tas-sigurtà marittima fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE u lil hinn minnha, inkluż permezz tal-inkoraġġiment taż-żieda ta' operazzjonijiet u eżerċizzji marittimi bi skopijiet multipli.

Reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista

L-Ewropa trid tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq teknoloġiji ta' pajjiżi terzi, li jistgħu jwasslu għal riskji ta' dipendenza u sigurtà. Il-Kummissjoni għandha l-għan li ttaffi d-dipendenzi fuq fornituri barranin uniċi, tneħħi r-riskju tal-ktajjen tal-provvista tagħna minn fornituri b'riskju għoli, u tiżgura infrastruttura kritika u kapaċità industrijali fit-territorju tal-UE, kif speċifikat fil-**Boxxla għall-Kompetittività**⁵⁶ u l-**Patt għal Industrija Nadifa**⁵⁷. Il-Kummissjoni se tippromwovi **politika industrijali għas-sigurtà interna** billi tikkollabora mal-industrija tal-UE f'setturi ewlenin (pereż. ċentri tat-trasport, infrastrutturi kritiċi) biex tipproduċi soluzzjonijiet ta' sigurtà bħal tagħmir ta' detezzjoni, teknoloġiji bijometriċi, u droni, li jinkorporaw karatteristiċi ta' sigurtà skont id-disinn. Fir-**reviżjoni tar-regoli tal-akkwist tal-UE**, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fid-Direttiva tal-2009 dwar l-Akkwist Pubbliku fil-Qasam tad-Difiża u s-Sigurtà⁵⁸ humiex suffiċjenti biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi u tar-reżiljenza tal-entità kritika.

Il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri fl-**iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani (IDB)** u l-akkwist ta' tagħmir għaċ-ċentri loġistiċi, filwaqt li tiżgura li l-infrastruttura u t-teknoloġija kritiċi jibqgħu siguri.

Ladarba jidħol fis-seħħ, l-**Att dwar l-Emerġenza u r-Reżiljenza tas-Suq Intern (IMERA, Internal Market Emergency and Resilience Act)** se jgħin lill-UE timmaniġġja kriżijiet li jfixklu l-ktajjen tal-provvista kritiċi u l-moviment liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni. Dan se jippermetti koordinazzjoni rapida tal-kriżijiet, l-identifikazzjoni ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżijiet, u jipprovdi sett ta' għodod biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tagħhom. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tippromovi li tistabbilixxi **mekkaniżmu ta' twissija għas-sigurtà tat-trasport u tal-katina tal-provvista**

⁵⁵ JOIN (2023) 8 final.

⁵⁶ COM (2025) 30 final.

⁵⁷ COM (2025) 85 final.

⁵⁸ Id-Direttiva 2009/81/KE dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, ĠU L 216, 20.8.2009

b'diversi aġenzji biex tiggarrantixxi l-kondiviżjoni sigura u f'waqtha tal-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jiġi antiċipat u miġġieled it-theddid.

Barra minn hekk, bl-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika u tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, l-użu akbar tas-sostenibbiltà, tar-reżiljenza u tal-kriterji ta' preferenza Ewropej fl-akkwist pubbliku tal-UE se jrawwem l-iżvilupp ta' swieq ewlenin. Rabtiet kummerċjali msaħħa, pereżempju permezz ta' Sħubijiet dwar il-Materja Prima u Sħubijiet ta' Kummerċ u Investiment Nodfa, se jgħinu fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista.

Reżiljenza u preparatezza għal theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari

Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna żiedet ir-riskju ta' **theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN, chemical, biological, radiological and nuclear)**. Biex tindirizza l-akkwist potenzjali u l-użu ta' materjali CBRN bħala arma, il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab permezz ta' taħriġ u eżerċizzji ddedikati. Il-Kummissjoni se taġhti spinta wkoll lill-kapaċitajiet ta' preparatezza u rispons għas-CBRN, bil-prijoritizzazzjoni tat-theddid, il-finanzjament tal-innovazzjoni għall-kontromiżuri, il-kapaċitajiet tar-rescEU u l-kumulazzjoni ta' riżerva ta' kontromiżuri mediċi, taħt il-kappa ta' **Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar il-Preparatezzau r-Rispons għas-CBRN**. Barra minn hekk, l-**Istrateġija tal-UE dwar il-Kontromiżuri Mediċi** se tappoġġja l-iżvilupp ta' kontromiżuri mediċi mir-riċerka sal-manifattura u d-distribuzzjoni biex l-UE tiġi protetta minn pandemiji u theddid CBRN.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19, l-UE saħħet il-qafas tas-sigurtà tas-saħha⁵⁹. Il-Kummissjoni qed taħtar Laboratorji ta' Referenza tal-UE fis-saħħa pubblika biex issaħħaħ is-sorveljanza tal-UE u nazzjonali u l-kapaċitajiet ta' detezzjoni rapida. Pjan tal-Unjoni dwar il-preparatezza, il-prevenzjoni u r-rispons fis-sigurtà tas-saħħa se jiġi ppubblikat fl-2025.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

- **tirrieżamina u tirrevedi l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà fl-2025**
- **tiżviluppa miżuri biex jiġi żgurat l-użu ċibersigur tas-servizzi tal-Cloud**
- **tippromponi Strateġija Portwarja tal-UE fl-2025**
- **tirrevedi r-regoli tal-akkwist tal-UE għad-difiża u s-sigurtà fl-2026**
- **tippreżenta Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar il-Preparatezza u r-Rispons għas-CBRN fl-2026**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, se:

- **tiżviluppa u tiskjera l-infrastruttura Ewropea tal-komunikazzjoni kwantistika (EuroQCI)**
- **tiżgura infurzar effettiv tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali**
- **taħdem kontra l-użu tal-migrazzjoni bħala arma**
- **tistabbilixxi sistema ta' okkorrenza tas-sigurtà tal-avjazzjoni**
- **taħdem biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' twissija dwar is-sigurtà tat-trasport u tal-katina tal-provvista b'diversi aġenzji**

Il-Kunsill huwa mħeġġeġ biex:

⁵⁹ B'mod partikolari permezz tar-Regolament (UE) 2022/2371 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

- **jadotta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Ċibernetiku**

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- **jittrasponu u jimplementaw bis-sħiħ id-Direttivi CER u NIS2**

5. L-issikkar tal-miżuri kontra l-kriminalità serja u organizzata

Se ngħinu biex negħlbu l-kriminalità organizzata billi nipproponu regoli aktar b'saħħithom biex jiġu indirizzati n-networks tal-kriminalità organizzata, inkluż dwar l-investigazzjonijiet, nagħmlu liż-żgħażaġh fl-UE inqas vulnerabbli għar-reklutaġġ fil-kriminalità, u nżidu l-miżuri biex jinqata' l-aċċess għal għodod u assi kriminali.

Il-kriminalità organizzata qed tisfrutta pajsaġġ li qed jevolvi u tipprolifera b'mod esponenzjali. Hija tibbenefika minn teknoloġiji avvanzati, hija attiva f'diversi ġurisdizzjonijiet, u għandha konnessjonijiet b'saħħithom lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Minħabba dan it-theddid transnazzjonali kumpless, il-koordinazzjoni u l-appoġġ fil-livell tal-UE huma vitali.

Prevenzjoni tal-kriminalità

Ir-reklutaġġ taż-żgħażaġh fil-kriminalità organizzata huwa tħassib li kulma jmur qed jikber fl-UE. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata teħtieġ li jiġu indirizzati l-**kawżi ewlenin** tagħha billi jiġu offruti edukazzjoni u alternattivi għall-ħajja tal-kriminalità permezz ta' approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha. Il-Kummissjoni se tappoġġja l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fil-politiki tal-edukazzjoni, soċjali, tal-impjiegi u reġjonali tal-UE. L-UE se **tippromwovi politiki ta' prevenzjoni tal-kriminalità bbażati fuq l-evidenza**⁶⁰ mfasla għall-kuntesti lokali.

Biex jiġu protetti r-riċevituri tas-servizzi online, b'mod partikolari l-minorenni, minn fost l-oħrajn dawk li jabbużaw sesswalment it-tfal, it-traffikanti tal-bnedmin, u r-reklutaġġ online għall-kriminalità jew l-estremiżmu vjolenti, il-miżuri skont l-**Att dwar is-Servizzi Diġitali** jirrikjedu li l-fornituri ta' pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni jimmaniġġjaw ir-riskji u jaġixxu fuq kontenut illegali, inkluż id-diskors ta' mibegħda. Il-Kummissjoni qed tippjana li toħroġ **linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni**, biex tgħin lill-fornituri tal-pjattaformi online jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni online. Il-linji gwida se jkun fihom sett ta' rakkomandazzjonijiet għas-servizzi diġitali kollha li joperaw fl-Unjoni biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-minorenni online. Fl-2025, il-Kummissjoni qed tippjana wkoll li tiffaċilita soluzzjoni ta' **verifika tal-età tal-UE li tiproteġi l-privatezza**, li se timla l-vojt qabel ma tiġi offruta l-Kartiera tal-EUDI fi tmiem l-2026. Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-involvement volontarju ta' diversi partijiet ikkonċernati ma' pjattaformi online u atturi rilevanti oħra, inkluż permezz tal-Forum tal-UE dwar l-Internet u kodiċijiet ta' kondotta mmirati skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, bħall-Kodiċi ta' Kondotta tal-2025 dwar id-diskors ta' mibegħda illegali online. L-objettiv huwa li titqajjem kuxjenza, li jkun hemm rispons konġunt għat-theddid attwali u emerġenti, u li tiġi prodotta u kondiviża prattika tajba għall-miżuri ta' mitigazzjoni.

Lokalmment, l-impatt tal-kriminalità organizzata jenfasizza l-ħtieġa għal soluzzjonijiet reġjonali biex titnaqqas il-vulnerabbiltà u l-attrazzjoni ta' attivitajiet illegali. L-Aġenda tal-UE għall-Bliet se tindirizza l-isfidi tas-sigurtà fil-bliet, filwaqt li tibni fuq l-inizjattiva tal-Bliet tal-UE

⁶⁰ <https://www.eucpn.org/>.

kontra r-Radikalizzazzjoni. Il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri fit-tisħiħ tas-sigurtà urbana u reġjonali permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Pedamenti u ħiliet edukattivi aktar b'saħħithom jirfdu soċjetajiet reżiljenti u koeżivi. Permezz tal-**Unjoni tal-Ħiliet** u tal-**Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni**, l-Unjoni se taħdem biex tgħin lin-nies isiru aktar reżiljenti għall-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ fil-kriminalità.

Il-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż il-kriminalità, il-vjolenza fiżika jew mentali, kemm online kif ukoll offline, hija objettiv ewlieni tal-UE. Biex tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolarment vulnerabbli bħat-tfal, li huma dejjem aktar esposti għar-reklutaġġ u r-radikalizzazzjoni, il-grooming u l-abbuż sesswali tat-tfal, il-bullying ċibernetiku, id-diżinformazzjoni, u theddid ieħor, l-UE se tiżviluppa **Pjan ta' Azzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Kriminalità**, li jinkludi d-dimensjonijiet online u offline. Dan se jistabbilixxi approċċ koerenti u kkoordinat ibbażat fuq l-oqfsa u l-ġhodod disponibbli, inkluż iċ-Ċentru futur tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u korpi u aġenziji oħra tal-UE, u jipproponi t-triq 'il quddiem fejn għad hemm lakuni.

Iż-żarmar tan-networks kriminali u tal-faċilitaturi tagħhom

Il-ġlieda kontra n-networks kriminali ta' riskju għoli, ir-ringleaders u l-faċilitaturi trid tintensifika. Għalkemm is-suċċessi reċenti huma notevoli,⁶¹ ir-regoli skaduti u d-definizzjonijiet inkonsistenti tan-networks kriminali jfixklu r-rispons effettiv tal-ġustizzja kriminali u l-kooperazzjoni transfruntiera. Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-leġiżlazzjoni skaduta f'dan il-qasam, filwaqt li ttipponi **qafas legali** mġedded **dwar il-kriminalità organizzata** biex issaħħaħ ir-rispons.

L-infurzar amministrattiv jista' jikkomplementa l-infurzar tal-liġi għal riżultati aktar rapidi – kif juru l-UPPE u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) fl-indirizzar tal-**frodi transfruntiera u r-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE**. Il-frodaturi tas-sussidji jiffukaw fuq setturi bħall-enerġija rinnovabbli, il-programmi ta' riċerka, u s-settur agrikolu⁶². Il-Kummissjoni se tesplora modi kif tikkoordina l-użu ta' ġhodod kriminali u amministrattivi, filwaqt li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Europol, il-Eurojust u l-UPPE. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja wkoll l-applikazzjoni usa' tal-**approċċ amministrattiv** biex l-awtoritajiet lokali u awtoritajiet amministrattivi oħra jingħataw is-setgħa li jfixklu l-infiltrazzjoni kriminali⁶³.

L-UE qed taħdem fuq it-tisħiħ tal-qafas legali tagħha għall-ġlieda kontra l-**korruzzjoni**⁶⁴. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkonkludu malajr in-negozjati dwar il-qafas aġġornat kontra l-korruzzjoni propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tippreżenta Strateġija tal-UE Kontra l-Korruzzjoni biex trawwem l-integrità u ssaħħaħ il-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'dan il-qasam.

L-armi tan-nar huma faċilitatur ewlieni taż-żieda fil-vjolenza mwettqa minn gruppi tal-kriminalità organizzata. Il-Kummissjoni se ttipponi standards komuni tal-liġi kriminali dwar it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar. **Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE kontra t-traffikar tal-armi tan-nar** se jiffoka fuq is-salvagwardja tas-suq leċitu, it-tnaqqis tal-attivitajiet kriminali, abbażi

⁶¹ Inklużi każijiet reċenti tal-EMPACT.

⁶² <https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/EU-SOCTA-2025.pdf>.

⁶³ <https://administrativeapproach.eu/sites/default/files/page/files/eu-jha-council-9-10-june-conclusions-administrative-approach-org-crime.pdf>.

⁶⁴ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2023) 234 final, Brussell, 3.5.2023.

ta' intelligence aħjar u t-tiŝiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali b'enfasi partikolari fuq l-Ukrajna u l-Balkani tal-Punent.

Il-pirotekniċi nnegożjati illegalment, użati f'reati kriminali, jeħtieġu miżuri biex jiġu mtejba l-prevenzjoni u t-traċċabbiltà. Il-Kummissjoni bħalissa qed tevalwa d-Direttiva dwar il-Pirotekniċi u se tqis ukoll **sanzjonijiet kriminali fuq it-traffikar tal-pirotekniċi**.

Insegwu l-flus

Li jiġu segwiti l-flus huwa kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, iżda għadu ta' sfida kbira. Ir-rabta bejn il-kriminalità organizzata u l-flussi tal-flus titlob sforzi intensi u kkombinati biex jitwaqqaf l-aċċess tan-networks kriminali għal sorsi ta' finanzjament u biex in-nies, in-negożji u l-baġits pubbliċi jiġu protetti aħjar.

L-UE saħħet l-isforzi tagħha bir-regoli l-ġodda kontra l-ħasil tal-flus, inkluż l-istabbiliment tal-**Awtorità tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus (AMLA)**⁶⁵. Il-kollaborazzjoni fost l-AMLA, l-OLAF, l-UPPE, l-Eurojust u l-Europol hija essenzjali għall-implimentazzjoni ta' investigazzjonijiet finanzjarji effettivi. Il-Kummissjoni se tappoġġja t-twaqqif ta' **sħubijiet**, kemm dawk li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, kif ukoll dawk li jinvolvu s-settur privat.

Biex jiġu żarmati l-motivi finanzjarji wara l-kriminalità organizzata, is-sekwestrar tal-assi u l-konfiska tal-kisbiet kriminali huma essenzjali. Ir-regoli aktar b'saħħithom adottati reċentement dwar l-**irkupru u l-konfiska tal-assi**⁶⁶ għandhom jiġu trasposti mill-Istati Membri mingħajr dewmien u jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-ġlieda kontra sistemi finanzjarji paralleli li jevitaw il-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus, inklużi sistemi bbażati fuq il-kriptografija, teħtieġ ukoll azzjonijiet innovattivi, l-aħjar Prattiki Kondiviżi fost l-Istati Membri u aktar appoġġ mill-Europol u l-Eurojust. Il-Kummissjoni se tesplora l-fattibbiltà ta' sistema ġdida għall-UE kollha biex issegwi l-profitti tal-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu, u tħeġġeġ ukoll flussi ta' informazzjoni f'waqthom u estiżi mill-**Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja** għall-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni se tesplora modi kif tagħlaq il-lakuni, tappoġġja lill-Istati Membri fil-bini tal-kapaċità, u se tkompli taħdem fuq it-tiŝiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi użati ħażin mill-kriminali għal operazzjonijiet bankarji sotterranji.

Il-ġlieda kontra reati serji

Minbarra ż-żarmar tan-networks kriminali, l-indirizzar ta' reati serji jeħtieġ sforzi mmirati. Biex insaħħu l-kapaċità tagħna li niġġieldu l-**frodi online** – li qed jikkawżaw ħsara finanzjarja sinifikanti ħafna⁶⁷ – il-Kummissjoni se tappoġġja miżuri ta' prevenzjoni u azzjoni aktar effettiva tal-infurzar tal-liġi u se taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tappoġġja u tiproteġi lill-vittmi, inkluż billi tassisti fl-irkupru tal-fondi tagħhom. Dawn l-isforzi se jiġu formalizzati fi **Pjan ta' Azzjoni dwar il-Frodi Online**.

Filwaqt li tibni fuq l-Istrateġija tal-UE 2020-2025 għall-ġlieda kontra l-**abbuż sesswali tat-tfal**⁶⁸, il-Kummissjoni se tappoġġja lill-koleġiżlaturi fil-finalizzazzjoni taż-żewġ proposti legiżlattivi⁶⁹ għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online u biex l-azzjoni tal-infurzar tal-liġi kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal issir aktar effettiva. Bir-regoli interim fis-seħħ sa April 2026, huwa essenzjali li jiġi stabbilit qafas legali permanenti, u l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi jidħlu f'negożjati dwar l-abbozz ta' Regolament li

⁶⁵ https://www.amla.europa.eu/index_en.

⁶⁶ Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024.

⁶⁷ Global Anti-Scam Report 2024.

⁶⁸ COM (2020) 607 final

⁶⁹ COM (2022) 209 final u COM (2024) 60 final.

jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Il-koleġiżlaturi huma mistiedna wkoll javvanzaw lejn negozjati dwar id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, li se tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-isfruttament sesswali tat-tfal.

Nofs in-networks kriminali l-aktar perikolużi tal-UE huma involuti fit-**traffikar vjolenti tad-droga**. Għalkemm dan l-aħħar l-UE saħħet il-ġlieda tagħha kontra dan ir-reat⁷⁰, b'mod partikolari billi espandiet il-mandat tal-**Aġenzija tal-UE dwar id-Drogi**, huma meħtieġa azzjonijiet ulterjuri. Il-Kummissjoni se taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex tipproponi Strateġija ġdida tal-UE **dwar id-Drogi**. Se tirrevedi wkoll il-**qafas legali dwar il-prekursuri tad-droga** u tipproponi **Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga** biex jiġu sfrattati r-rotot u l-mudelli tan-negozju. Is-**sħubija pubblika-privata tal-Alleanza tal-Portijiet tal-UE** dwar il-protezzjoni msaħħa tal-portijiet se tiġi estiża biex tinkludi portijiet iżgħar u interni u tiżgura li r-regoli tas-sigurtà marittima jiġu infurzati. Filwaqt li tirrikonoxxi l-impatti lokali severi tat-traffikar tad-droga, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja politika dwar id-drogi bbilanċjata, ibbażata fuq l-evidenza u multidixxiplinari, bi tħejjija għal influssi f'daqqa tad-droga, speċjalment opjojdi sintetiċi.

Biex tiġġieled l-isfruttament tan-nies, l-UE adottat regoli ġodda⁷¹ u se tintroduċi **Strateġija mġedda tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin** (2026-2030), li tkopri l-istadji kollha mill-prevenzjoni sal-prosekuzzjoni, b'enfasi fuq l-appoġġ għall-vittmi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali.

Fil-ġlieda kontra l-**faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**, il-Kummissjoni se tmexxi l-isforzi mas-sħab ewlenin permezz tal-Alleanza Globali l-ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, f'kooperazzjoni mal-Europol, l-Eurojust u l-Frontex, inkluż fid-dimensjoni online. Il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-kuntrabandu⁷² għandhom jiġu adottati u implimentati mingħajr dewmien. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, wara l-adozzjoni tas-**Sett ta' Għodod dwar l-operaturi tat-trasport**⁷³, żiedet is-sensibilizzazzjoni mal-awtoritajiet u l-operaturi barranin, u se tkompli tinvolvi ruħha mal-industrija tal-avjazzjoni u mal-organizzazzjonijiet tal-avjazzjoni ċivili⁷⁴ biex tqajjem kuxjenza dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti bl-ajru⁷⁵.

Il-**kriminalità ambjentali** thedded l-ambjent, is-saħħa pubblika u l-ekonomiji fit-tul. Il-Kummissjoni se tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali⁷⁶ u se ssaħħa in-networks u l-azzjonijiet operazzjonali f'dan il-qasam⁷⁷. Infurzar

⁷⁰ COM (2023) 641 final.

⁷¹ Id-Direttiva (UE) 2024/1712 tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, ĠU L, 2024/1712, 24.6.2024.

⁷² COM (2023) 755 final u COM (2023) 754 final.

⁷³ Sett ta' għodod li jindirizza l-użu ta' mezzi kummerċjali tat-trasport biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni irregolari lejn l-UE.

⁷⁴ Inkluża l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organisation).

⁷⁵ Il-Kummissjoni se tappoġġja wkoll il-finalizzazzjoni tar-Regolament dwar miżuri kontra operaturi tat-trasport li jiffaċilitaw jew jinvolvu ruħhom fit-traffikar ta' persuni jew fil-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, COM(2021) 753 final.

⁷⁶ Id-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, ĠU L, 2024/1203, 30.4.2024.

⁷⁷ In-Network tal-UE għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL, Network for the Implementation and Enforcement of Environmental Law), in-Network Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE, European Network of Prosecutors for the Environment), l-EnviCrimeNet u l-Forum tal-UE tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE, EU Forum of Judges for the Environment).

robust huwa essenzjali. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa adottata reċentement dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali⁷⁸ se tgħin biex jiġu żgurati sforzi b'saħħithom u komparabbli biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha.

Ir-rispons tal-ġustizzja kriminali

Il-kriminalità u t-terroriżmu jista' jkollhom impatt fuq kulħadd, u dan jagħmilha essenzjali li jiġu appoġġjati u ssalvagwardjati d-drittijiet tal-**vittmi** biex titnaqqas il-ħsara u jizdedu s-sigurtà u l-fiduċja ġenerali fl-awtoritajiet. Filwaqt li tibni fuq id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, il-Kummissjoni se tintroduċi **Strateġija ġdida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi**.

Is-sistemi tal-**ġustizzja kriminali tal-UE** jeħtieġu għodod effettivi biex jindirizzaw it-theddid emerġenti. Biex tikseb dan, il-Kummissjoni nediet **Forum ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Ġustizzja Kriminali tal-UE**. Dan il-forum ilaqqqa' flimkien l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. L-għan tiegħu huwa li jiddiskuti modi biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-ġustizzja kriminali tagħna jibqgħu effettivi, ġusti u reżiljenti fost l-isfidi li qed jevolvu, filwaqt li jssaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-fiduċja reċiproka, inkluż permezz tad-digitalizzazzjoni⁷⁹.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

- **tippreżenta proposta leġislattiva għal regoli modernizzati dwar il-kriminalità organizzata fl-2026**
- **tippreżenta proposta leġislattiva biex tirrevedi l-qafas legali dwar il-prekursuri tad-droga fl-2025**
- **tippreżenta proposta leġislattiva għal standards komuni tal-liġi kriminali dwar it-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar fl-2025**
- **tivvaluta l-ħtieġa li jiġu riveduti d-Direttivi dwar il-Pirotekniċi u l-Isplussivi Ċivili**
- **tivvaluta l-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u l-Mandat ta' Arrest Ewropew**
- **tippreżenta Strateġija ġdida tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fl-2026**
- **tippreżenta Strateġija ġdida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi fl-2026**
- **tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Kriminalità sal-2027**
- **tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga fl-2025**
- **tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-armi tan-nar fl-2026**
- **tespandi suċċessivament l-Alleanza tal-Portijiet tal-UE mill-2025 'il quddiem**
- **tadotta linji gwida tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni fl-2026**
- **tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-bullying ċibernetiku fl-2026**

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- **jittrasponu bis-sħiħ ir-regoli l-ġodda dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi sa tmiem l-2026 u jużawhom sal-potenzjal sħiħ tagħhom**
- **jimplimentaw l-approċċ amministrattiv fil-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni kriminali**

⁷⁸ Kumitat ta' esperti dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (PC-ENV) - Kumitat Ewropew dwar il-Problemi tal-Kriminalità.

⁷⁹ B'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online (eCODEX) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN, European Criminal Records Information System - Third Country Nationals).

- jistabbilixxu sħubijiet pubbliċi-privati kontra l-ħasil tal-flus
- jittrasponu u jimplementaw bis-sħiħ id-Direttiva għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra fuq in-nisa u l-vjolenza domestika

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mħeġġa:

- jagħmlu progress lejn negozjati dwar ir-Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal
- jikkonkludu n-negozjati dwar id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

6. Il-Ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti

Se nintroduċu aġenda komprensiva kontra t-terroriżmu biex nipprevjenu r-radikalizzazzjoni, niżguraw spazji online u pubbliċi, inrażżnu l-kanali ta' finanzjament u nirreaġixxu għall-attakki meta jseħħu.

Il-livell ta' theddid terroristiku fl-UE għadu għoli. Huwa marbut mill-qrib mal-effetti konsegwenzjali ta' avvenimenti ġeopolitiċi, teknoloġiji ġodda, u mezzji ġodda ta' finanzjament tat-terroriżmu. Jeħtieġ li niżguraw li l-UE tkun mgħammra tajjeb biex tantiċipa t-theddid, tipprevjeni r-radikalizzazzjoni (kemm offline kif ukoll online), tipproteġi liċ-ċittadini u lill-ispazji pubbliċi mill-attakki, u tirrispondi b'mod effettiv għall-attakki meta jseħħu. Fl-2025 se tiġi ppreżentata **Aġenda ġdida tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti** biex tiġi stabbilita l-azzjoni futura tal-UE. F'konformità mal-Aġenda l-ġdida, l-UE u l-Balkani tal-Punent se jiffirmaw il-**Pjan ta' Azzjoni Konġunt** il-ġdid dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fl-2025.

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-protezzjoni tan-nies online

B'mod simili għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti tibda bl-**indirizzar tal-kawżi ewlenin tagħha**. Iċ-**Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni** se jżid l-appoġġ tiegħu lill-prattikanti u lil dawk li jfasslu l-politika **b'sett komprensiv ta' għodod ta' prevenzjoni** ġdid biex jippermetti identifikazzjoni bikrija u interventi ffukati fuq individwi vulnerabbli, b'mod partikolari l-minorenni. Ir-radikalizzazzjoni spiss isseħħ fil-ħabsijiet u biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni, il-Kummissjoni se toħroġ rakkomandazzjonijiet ġodda.

L-estremisti terroristiċi u vjolenti jużaw pjattaformi online biex ixerrdu kontenut terroristiku u ta' ħsara, jiġbru fondi u jirreklutaw. L-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari l-minorenni, qed jiġu radikalizzati online b'rata allarmanti. Ir-**Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online** kien strumentali fil-ġlieda kontra t-tixrid ta' kontenut terroristiku online, u ppermetta t-tneħħija rapida tal-aktar materjal faħxi u perikoluż⁸⁰. Il-Kummissjoni bħalissa qed tevalwa l-funzjonament tiegħu u se tivvaluta kif l-aħjar issaħħaħ dan il-qafas.

Il-**Protokoll tal-UE dwar il-Kriżi** għal rispons konġunt u rapidu tal-industrija tal-infurzar tal-liġi u tat-teknoloġija fir-rigward ta' attakk terroristiku se jiġi emendat biex jiġu żgurati l-iskalabbiltà u l-flessibbiltà biex ikun hemm rispons għad-dimensjoni online dejjem tikber tal-attakki terroristiċi. Il-Forum tal-UE dwar l-Internet se jkompli jkun it-triq ewlenija għall-kooperazzjoni volontarja mal-industrija tat-teknoloġija biex jiġi indirizzat il-kontenut

⁸⁰Sal-31 ta' Diċembru 2024, inħarġu 1 426 ordni ta' tneħħija biex il-kontenut terroristiku jitneħħa jew jiġi mblukkat l-aċċess għalih, li l-maġġoranza l-kbira tiegħu huma mmirati lejn kontenut terroristiku Ġihadist iżda wkoll kontenut terroristiku tal-lemin.

terroristiku u ta' ħsara online. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha f' inizjattivi internazzjonali bħall-Fondazzjoni Christchurch Call u l-Forum Globali tal-Internet għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (GIFCT, Global Internet Forum to Counter Terrorism).

Il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-terroriżmu

It-terroristi jifinanzjaw l-attivitajiet tagħhom b'kampanji ta' finanzjament kollettiv, kryptoassi, neobanks jew pjattaformi ta' pagament online. L-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jidentifika u jinvestiga dawn il-flussi finanzjarji. Dan jeħtieġ mezzi, għodod u għarfien espert. In-**Network ta' Investigaturi Finanzjarji Kontra t-Terroriżmu** għandu rwol ewlieni. Il-Kummissjoni se tesplora l-ħolqien ta' **sistema ġdida għall-UE kollha biex jiġi traċċat il-finanzjament tat-terroriżmu** li jkopri tranżazzjonijiet intra-UE u SEPA, trasferimenti tal-kriptoassi, pagamenti online u elettroniċi, li tikkomplementa l-Ftehim tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP, Terrorist Financing Tracking Programme) bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Il-baġit tal-UE jrid jiġi **protett minn użu ħażin biex jitrawmu fehmiet radikali/estremisti** fl-Istati Membri. Ir-**Regolament Finanzjarju** rivedut issa jinkludi kundanna għal "inċitament għad-diskriminazzjoni, għall-mibegħda jew għall-vjolenza" bħala raġuni għall-esklużjoni mill-finanzjament tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tesplora l-aħjar mod kif tagħmel użu sħiħ mis-sett ta' għodod, inkluż meta tagħżel benefiċjarji potenzjali. Il-protezzjoni tal-baġit tal-UE tiddependi wkoll fuq kooperazzjoni b'saħħitha u kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-aġenziji u l-korpi tal-UE.

Protezzjoni mill-attakki

Lil hinn mill-investment fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, komponent importanti tal-protezzjoni taċ-ċittadini huwa r-restrizzjoni tal-mezzi għat-terroristi u l-kriminali biex iwettqu attakki. Hija meħtieġa azzjoni kemm fuq l-għodod li jużaw it-terroristi kif ukoll biex jiġu protetti l-miri f'riskju ta' attakk.

Minbarra l-azzjonijiet dwar l-armi tan-nar, il-Kummissjoni se **tirrieżamina** wkoll **ir-regoli** dwar il-**prekursuri tal-ispussivi** biex tinkludi sustanzi kimiċi ta' riskju għoli. L-**ispazji pubbliċi** jibqgħu l-aktar miri komuni għall-attakki terroristiċi, b'mod partikolari għall-atturi waħedhom. Biex iċ-ċittadini jiġu protetti mill-ħsara, il-**programm Konsultattiv tal-UE għas-Sigurtà Protettiva** se jissaħħaħ biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà ta' spazji pubbliċi, infrastruttura kritika u avvenimenti ta' riskju għoli, fuq talba mill-Istati Membri u ffinanzjati mill-baġit tal-UE taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna. L-UE se tfittex li tespandi l-finanzjament disponibbli għall-protezzjoni tal-ispazju pubbliku. Il-Kummissjoni toffri appoġġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-operaturi privati permezz ta' gwida u għodod iddedikati, bħaċ-Ċentru tal-Għarfien dwar il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi⁸¹, u EUR 70 miljun diġà saru disponibbli biex jappoġġjaw il-protezzjoni tal-ispazju pubbliku mill-2020.

Il-Kummissjoni se tesplora wkoll l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet biex iqisu jew jużaw miżuri ta' sigurtà f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku, permezz ta' involviment mal-awtoritajiet lokali u s-sħab privati

Minħabba vulnerabbiltajiet evidenti, l-**Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-2030)** se tkompli tiggwida l-azzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-komunità Lhudija. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ għodod xierqa biex jappoġġjaw lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-**mibegħda anti-Musulmana**.

⁸¹ Ċentru ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi.

L-użu tad-**droni** għall-ispjunaġġ u l-attakki joħloq sfida dejjem akbar għas-sigurtà. Il-Kummissjoni se tiżviluppa **metodoloġija tal-ittestjar armonizzata għas-sistemi kontra d-droni**, se tistabbilixxi **Ċentru ta' Eċċellenza kontra d-droni** u se tivvaluta l-ħtieġa li jiġu armonizzati l-liġijiet u l-proċeduri tal-Istati Membri⁸².

Ġellieda terroristi barranin

Biex jiġu identifikati ġellieda terroristi barranin li jirritornaw jew jidħlu fil-fruntieri esterni tal-UE, hija meħtieġa data dwar individwi li huma ta' theddida terroristika. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, flimkien mal-Europol, se ssaħħaħ il-**kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi ewlenin biex tikseb data bijografika u bijometrika dwar individwi li jistgħu jkunu ta' theddida terroristika**, inklużi ġellieda terroristi barranin, li mbagħad tista' tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'konformità sħiħa mal-oqfsa legali applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali. Għalhekk huwa kruċjali li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-għodod eżistenti kollha. Dan jinkludi l-inklużjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha fis-SIS, it-tisħiħ tal-kontrolli bijometriċi u t-twettiq ta' kontrolli sistematiċi obbligatorji fuq il-persuni kollha fil-fruntieri esterni tal-UE⁸³. Barra minn hekk, l-**Indikaturi Komuni tar-Riskju (CRIs, Common Risk Indicators)** żviluppata mill-Frontex se jkomplu jappoġġjaw lill-awtoritajiet ta' kontroll fil-fruntieri tal-Istati Membri biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskju ta' vjaġġar suspettuż minn ġellieda terroristi barranin potenzjali.

Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jżommu aċċess għall-**evidenza mill-kamp tal-battalja** miġbura mill-Iskwadra Investigattiva tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Promozzjoni tal-Irfigħ tar-Responsabbiltà għal Delitti Mwertqa minn Da'esh/ISIL (UNITAD, UN Investigative Team to Promote Accountability for Crimes Committed by Da'esh/ISIL) għall-prosekuzzjoni ta' ġellieda terroristi barranin, il-Kummissjoni, flimkien mal-Eurojust, se tivvaluta l-possibbiltà li taħżen din l-evidenza fil-Bażi tad-Data tal-Evidenza ta' Delitti Internazzjonali Ewlenin tal-Eurojust. Barra minn hekk, ir-**Reġistru Ġudizzjarju** Ewropew **Kontra t-Terroriżmu**-għdid se jkompli jappoġġja lill-ġudikaturi tal-Istati Membri fl-identifikazzjoni rapida ta' rabtiet transfruntiera f'każijiet ta' terroriżmu.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

- **tadotta Aġenda ġdida tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fl-2025**
- **tiffirma Pjan ta' Azzjoni Konġunt ġdid dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti mal-Balkani tal-Punent fl-2025**
- **tiżviluppa sett ta' għodod komprensiv ġdid għall-prevenzjoni maċ-Ċentru tal-Għarfien tal-UE**
- **tevalwa l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online fl-2026**
- **temenda l-Protokoll ta' Kriżi tal-UE fl-2025**
- **tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tirrevedi r-Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi fl-2026**
- **tesplora l-fattibbiltà ta' sistema ġdida għall-UE kollha biex jiġi traċċat il-finanzjament tat-terroriżmu**

⁸²B'segwitu għas-sett ta' azzjonijiet ewlenin fil-Komunikazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra d-Droni tal-2023, COM(2023) 659 final.

⁸³F'konformità sħiħa mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u r-Regolament dwar l-Iskrinjar.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- isaħħu l-kontrolli bijometriċi u iwettqu kontrolli sistematiċi obbligatorji fil-fruntieri esterni tal-UE
- jagħmlu użu sħiħ mir-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew Kontra t-Terroriżmu

7. L-UE bħala attur globali b'saħtu fil-qasam tas-sigurtà

Biex insaħħu s-sigurtà tal-UE, se nagħtu spinta lill-kooperazzjoni operazzjonali permezz ta' sħubijiet ma' reġjuni ewlenin bħas-sħab tagħna tat-tkabbir u tal-viċinat, l-Amerka Latina u r-reġjun tal-Mediterran. L-interessi tas-sigurtà tal-UE se jitqiesu fil-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż bl-ingranaġġ tal-għodod u l-istrumenti tal-UE.

Dawn l-aħħar snin urew ir-rabtiet intrinseki bejn is-sigurtà esterna u interna tal-UE. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-kunflitt f'Gaża, is-sitwazzjoni fis-Sirja u l-kunflitti emerġenti madwar id-dinja kellhom effetti konsegwenzjali serji fuq is-sigurtà interna tal-UE. Biex tiġġieled l-impatt tal-instabbiltà globali fuq is-sigurtà interna tagħha, **jeħtieġ li l-UE tiddefendi b'mod attiv l-interessi tas-sigurtà tagħha** billi tindirizza t-theddid estern, tfixkel ir-rotot tat-traffikar, u tissalvagwardja l-kurituri ta' interess strateġiku bħar-rotot kummerċjali. Fl-istess ħin, l-UE se tkompli tkun alleat b'saħtu għall-pajjiżi sħab, filwaqt li taħdem flimkien biex issaħħaħ is-sigurtà globali u tibni reżiljenza reċiproka kontra t-theddid.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE ħadet passi sinifikanti biex issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha fil-qasam tas-sigurtà. Hija stabbiliet ftehimiet operazzjonali ta' infurzar tal-liġi u ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll tipi oħra ta' arranġamenti ma' pajjiżi sħab. Qed issegwi b'mod attiv ftehimiet internazzjonali addizzjonali, f'konformità mad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill, u inizjattivi ta' bini tal-kapaċità, iffaċilitati mill-aġenziji u l-korpi tal-UE. Ewropa Globali-NDICI huwa kruċjali wkoll fit-tisħiħ tas-sigurtà mal-pajjiżi sħab.

L-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli huwa pedament biex tissaħħaħ is-sigurtà globali. Id-djalogi dwar is-sigurtà, inklużi dawk tematiċi, huma vitali għat-tisħiħ ta' dawn l-isforzi. L-implimentazzjoni tal-**Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża**, flimkien ma' oqfsa ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali bħall-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, u l-kollaborazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet bħan-NU u n-NATO, huma kruċjali għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà effettivi. L-UE se tkompli tagħti sehemha f'fora multilaterali⁸⁴ u se ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet u oqfsa internazzjonali u reġjonali rilevanti, inkluż in-NATO, in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Interpol, il-G7, l-OSKE u s-soċjetà ċivili.

Kooperazzjoni reġjonali

Bħala prijorità, it-tkomplija tal-appoġġ sod tal-UE lill-**Ukrajna**, u t-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-**pajjiżi tat-tkabbir tal-UE**, huma imperattiv politiku u ġeostrateġiku. L-appoġġ għas-sigurtà tal-UE għandu jimxi id f'id mal-**integrazzjoni aċċellerata tal-pajjiżi kandidati fl-arkitettura tas-sigurtà tal-UE**, b'mod parallel mal-konsolidazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali tagħhom. Il-Kummissjoni se tuża l-politika tat-tkabbir tal-UE biex tappoġġja l-kapaċitajiet tal-pajjiżi kandidati tal-UE u tal-kandidati potenzjali biex tirrispondi għat-theddid, biex iżżid il-kooperazzjoni operazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni, u biex tiżgura l-allinjament mal-prinċipji, il-leġiżlazzjoni u l-għodod tal-UE. L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), kif ukoll il-Faċilitajiet għall-Ukrajna, għall-Moldova u għall-

⁸⁴ Il-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu, il-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, il-Forum Globali tal-Internet għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (GIFCT), il-Fondazzjoni Christchurch Call, il-Koalizzjoni Globali biex jiġi indirizzat it-Theddid tad-Drogi Sintetiċi.

Balkani tal-Punent huma kruċjali fit-tisħiħ tas-sigurtà kemm fil-pajjiżi kandidati kif ukoll f'dawk kandidati potenzjali.

L-UE se tkompli tintegra wkoll lis-**sħab tal-viċinat** fl-arkitettura tas-sigurtà tal-UE. Permezz tal-**Patt il-Ġdid għall-Mediterran** u l-**Approċċ Strateġiku** li jmiss **għall-Baħar l-Iswed**, l-Unjoni se timmira li tkompli tibni kooperazzjoni reġjonali u Sħubijiet Komprensivi Strateġiċi bilaterali b'dimensjoni ta' sigurtà, meta rilevanti, bi djalogi regolari ta' livell għoli dwar is-sigurtà. Il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Afrika ta' Fuq, il-**Lvant Nofsani u l-Golf** se tissaħħaħ, b'mod partikolari dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-armi tan-nar u l-produzzjoni u t-traffikar tad-droga, b'mod partikolari l-captagon.

Biex tiġi indirizzata ż-żieda fl-attività terroristika u kriminali u l-effetti konsegwenzjali potenzjali tagħha fl-**Afrika sub-Saħarjana, b'mod partikolari s-Sahel, il-Qarn tal-Afrika, u l-Afrika tal-Punent**, l-UE se ssaħħaħ l-appoġġ għall-Unjoni Afrikana, il-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs, Regional Economic Communities) u l-pajjiżi fir-reġjun. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà Marittima⁸⁵, l-UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni fil-**Golf tal-Guinea, il-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan** biex jiġu indirizzati t-traffikar u l-piraterija, billi tappoġġja l-kooperazzjoni intra-Afrika u reġjonali, u bl-appoġġ tal-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP, Coordinated Maritime Presences) tal-UE u ċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi) (MAOC-N, Maritime Analysis and Operations Centre (Narcotics)).

Mal-**Amerka Latina u l-Karibew**, l-UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali biex iżzarna u tipproċessa networks kriminali ta' riskju għoli u tfixkel l-attivitàjiet illeċiti u r-rotot tat-traffikar, filwaqt li ssaħħaħ l-oqfsa ta' kooperazzjoni, bħall-UE-CLASI (il-Kumitat Latino-Amerikan għas-Sigurtà Interna) u l-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi. Ir-reżiljenza u s-sħubijiet taċ-ċentri loġistiċi u l-approċċi segwi l-flus se jkunu fost il-prijoritajiet. L-UE se tkompli tappoġġja l-iżvilupp tal-Komunità tal-Pulizija tal-Kontinent Amerikan (AMERIPOL, Police Community of the Americas) biex issir l-ekwivalenti reġjonali tal-Europol u ssaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u r-reġjun. L-UE se taħdem ukoll mal-**Asja Ċentrali u t'Isfel** fuq sfidi ta' sigurtà kondiviżi relatati mat-terroriżmu, it-traffikar ta' oġġetti illeċiti, inkluż id-drogi, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Barra minn hekk, l-UE se tappoġġja oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali f'pajjiżi terzi biex tgħinhom aktar sabiex iwaqqfu t-traffikar illeċitu fis-sors, f'konformità mal-prinċipju ta' responsabbiltà kondiviża għall-katina tal-provvista kriminali kollha. Barra minn hekk, l-UE se tagħmel il-parti tagħha biex tgħin fit-tisħiħ tas-sigurtà taċ-ċentri loġistiċi barra mill-pajjiż, billi tikkoordina **spezzjonijiet konġunti f'portijiet ta' pajjiżi terzi**.

Kooperazzjoni operazzjonali

Il-**Global Gateway** se tappoġġja proġetti ta' infrastruttura sostenibbli u ta' kwalità għolja fis-setturi diġitali, tal-klima u tal-enerġija, tat-trasport, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Il-Kummissjoni issa se tinkludi kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, meta rilevanti, fl-investimenti futuri tal-Global Gateway. Dan se jinkludi inizjattivi kritiċi għall-awtonomija strateġika tal-UE u tal-pajjiżi sħab tagħha, bħal proġetti infrastrutturali li jinkorporaw valutazzjonijiet tas-sigurtà u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Il-Kummissjoni se ssegwi aktar **ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi dwar il-kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust**, b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-Amerika Latina.

⁸⁵ JOIN (2023) 8 final.

Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni proattiva ta' pajjiżi mhux tal-UE fl-**EMPACT** hija waħda mill-aktar mezzi effettivi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali. L-UE se tkompli tinkoraġġixxi l-involviment ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent, il-Viċinat tal-Lvant, l-Afrika sub-Saħarjana, l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani, l-Amerka Latina u l-Karibew, fil-qafas. Għodda oħra biex tiżdied il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità hija t-Task Forces Operazzjonali bejn l-Istati Membri u kkoordinata mill-Europol, fejn jistgħu jipparteċipaw pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tiffinalizza wkoll in-negożjati għall-ftehim internazzjonali bejn l-UE u l-**Interpol**⁸⁶, filwaqt li tiżgura approċċ aktar unifikat għat-theddid għas-sigurtà globali u għall-ġlieda kontra r-reati tranżnazzjonali.

L-Unjoni trid tkun preżenti fil-prattika f'approċċ ta' Tim Ewropa. Il-persunal speċjalizzat tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandu rwol kritiku fl-iżgurar li l-azzjoni esterna tal-Unjoni tkun infurmata tajjeb, ikkoordinata u reattiva. Biex dan l-approċċ jitla' għal-livell li jmiss, il-Kummissjoni, appoġġjata mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, se ssaħħaħ in-**networks ta' kollegament** u tiffaċilita l-iskjerament ta' **uffiċjali ta' kollegament** reġjonali **tal-Europol u tal-Eurojust**, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri.

L-UE se tfitteż infurzar tal-liġi operazzjonali u kooperazzjoni ġudizzjarja aktar mill-qrib, trawwem kondiviżjoni ta' informazzjoni f'ħin reali u operazzjonijiet konġunti permezz ta' **Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti** f'pajjiżi terzi bl-appoġġ tal-Europol u l-Eurojust. Il-Kummissjoni se tappoġġja wkoll lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' **ċentri konġunti tal-fużjoni** li jlaqqgħu flimkien esperti u infurzar tal-liġi lokali f'pajjiżi terzi strateġiċi.

Għodod tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)

Il-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) se jintużaw ukoll sal-potenzjal sħiħ tagħhom biex jidentifikaw u jindirizzaw aħjar it-theddid estern għas-sigurtà interna tal-UE, f'konformità mal-mandati tagħhom stabbiliti mill-Kunsill. Biex jinbnew il-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni se jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-PSDK bi strumenti ta' finanzjament dedikati u jesploraw il-mezzi xierqa kollha ta' finanzjament.

Il-miżuri restrittivi tal-UE huma għodda tal-PESK stabbilita sew, użata wkoll għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. Abbażi ta' suġġerimenti mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, l-Istati Membri, jew il-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jivvaluta kif il-miżuri restrittivi awtonomi eżistenti tal-UE (il-lista tal-UE ta' terroristi) jistgħu jsiru aktar effettivi, operazzjonali u aġli. Barra minn hekk, huma jistgħu iqisu li jesploraw miżuri restrittivi addizzjonali mmirati lejn networks kriminali, f'konformità mal-objettivi tal-PESK.

Il-politika dwar il-viżi u l-iskambju ta' informazzjoni

Il-politika tal-UE dwar il-viżi hija għodda ewlenija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u għas-sigurtà tal-fruntieri tagħna billi jiġi kkontrollat id-dħul fl-UE u jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għalih. Il-Kummissjoni se tintegra bis-sħiħ il-**kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà fil-politika tal-UE dwar il-viżi** permezz ta' Strateġija tal-UE għall-Politika dwar il-Viżi li jmiss. Il-Kummissjoni se taħdem mal-koleġiżlaturi biex tadotta l-proposta biex tirrevedi u tissimplifika l-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża, b'mod partikolari għal każijiet speċifiċi ta' użu ħażin tar-reġim mingħajr viża⁸⁷. Il-pajjiżi terzi se jiġu mħeġġa jikkondividu informazzjoni dwar

⁸⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1312 tad-19 ta' Lulju 2021 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1313 tad-19 ta' Lulju 2021.

⁸⁷ COM (2023) 642.

individwi li jistgħu jkunu ta' theddid għas-sigurtà, li se tiddaħħal fis-sistemi ta' informazzjoni u fil-bażijiet tad-data tal-UE.

Biex tikseb il-koordinazzjoni tal-politika u l-isforzi upstream, filwaqt li tiftaħ kooperazzjoni aktar effiċjenti, rapida u bla xkiel, il-Kummissjoni se taħdem biex tistabbilixxi **arranġamenti għall-fluss tad-data** u tesplora modi biex **ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni** għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġestjoni tal-fruntieri ma' pajjiżi terzi fdati f'konformità mad-drittijiet fundamentali u mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni se:

- **tikkonkludi ftehimiet internazzjonali bejn l-UE u pajjiżi terzi prijorarji dwar il-kooperazzjoni mal-Europol u l-Eurojust**
- **tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi sħab fl-EMPACT fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu**
- **tappoġġja lill-aġenziji u l-korpi tal-UE fl-istabbiliment u t-tisħiħ tal-arranġamenti ta' ħidma mal-pajjiżi sħab**
- **tkompli tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà fil-politika tal-UE dwar il-viżi permezz tal-Istrateġija dwar il-Viżi li jmiss**
- **issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi fdati għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u tal-ġestjoni tal-fruntieri**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin, se:

- **tagħmel użu sħiħ mill-missjonijiet ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)**
- **tikkoordina l-ispezzjonijiet konġunti fil-portijiet ta' pajjiżi terzi sal-2027**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Istati Membri, se:

- **issaħħaħ in-networks ta' kollegament u l-kooperazzjoni f'approċċ ta' Tim Ewropa**
- **tistabbilixxi timijiet operazzjonali konġunti u ċentri ta' fużjoni f'pajjiżi terzi mill-2025 'il quddiem**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mħeġġa:

- **jikkonkludu n-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża**

8. Konklużjoni

F'dinja mimlija inċertezza, il-kapaċità tal-Unjoni li tantiċipa, tipprevjeni u tirrispondi għat-theddid għas-sigurtà jeħtieġ li tiġi aġġornata.

Mhuwix biżżejjed li nirreaġixxu biss għall-kriżijiet meta jseħħu. Jeħtieġ li nżidu l-għarfien tagħna bi stampa sħiħa tat-theddid hekk kif jevolvu. U li niżguraw li l-għodod u l-kapaċitajiet tagħna jkunu xierqa.

Is-sett komprensiv ta' miżuri dettaljati f'din l-Istrateġija se jgħin biex tinholq Unjoni aktar b'saħħitha fid-dinja: Unjoni li tkun kapaċi tantiċipa, tippjana u tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tas-sigurtà tagħha stess, li tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għat-theddid għas-sigurtà interna tagħha u żżomm lill-awturi tar-reati responsabbli, u li tipproteġi s-soċjetajiet u d-demokraziji miftuħa, ħielsa u prosperi tagħha.

Dan jitlob bidla fil-mentalità tagħna dwar is-sigurtà interna. Se naħdmu biex ngħinu fit-trawwim ta' kultura ġdida tas-sigurtà tal-UE, fejn il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jiġu meqjusa fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tagħna – mill-bidu sal-implimentazzjoni. U fejn il-kollaborazzjoni bejn l-oqsma ta' politika tippermettilna nagħmlu progress ġdid.

Dan mhuwiex il-kompitu ta' istituzzjoni, gvern jew attur wieħed biss. Dan huwa l-isforz komuni tal-Ewropa.